Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2019/1381 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 1829/2003, (KE) Nru 1831/2003, (KE) Nru 2065/2003, (KE) Nru 1935/2004, (KE) Nru 1331/2008, (KE) Nru 1107/2009, (UE) 2015/2283 u d-Direttiva 2001/18/KE (ĠU L 231, 6.9.2019, p. 1).

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentat mill-Kummissjoni fil-5 ta' Lulju 2023, dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/625 (COM(2023) 411 final).

Proposta mressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2023 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 401/2009, (UE) 2017/745 u (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-attribuzzjoni mill-ġdid ta' kompiti xjentifiċi u tekniċi u t-titjib tal-kooperazzjoni fost l-aġenziji tal-Unjoni fil-qasam tas-sustanzi kimiċi (COM(2023) 783 final).

Partita 06 10 03 01 — Il-kontribuzzjoni tal-UE għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
33 261 548	33 261 548	33 261 548	33 261 548	33 261 548	33 261 548	33 573 102	33 573 102	33 573 102	33 573 102

Kummenti:

Sabiex tkun promossa l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-annimali u tal-konsumaturi ta' prodotti mediċinali fl-Unjoni kollha, u sabiex tkun promossa l-kompletar tas-suq intern permezz tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet uniformi regolatorji bbażati fuq kriterji xjentifiċi li jikkonċernaw it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti mediċinali, l-oġettiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) huwa li tipprovdi lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Komunità bl-aħjar pariri possibbli dwar kull kwistjoni li għandha x'taqsam mal-valutazzjoni tal-kwalità, tas-sigurtà, u tal-effikaċja ta' prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem jew veterinarju, skont id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li għandha x'taqsam ma' prodotti mediċinali.

Ir-Regolament (UE) 2022/123 saħħaħ ir-rwol tal-EMA fit-tnejn għall-kriżijiet u fil-ġestjoni ta' prodotti mediċinali u ta' apparati mediċi, filwaqt li ppermetta lill-EMA timmonitorja mill-qrib u timmitiga n-nuqqasijiet ta' mediċini u tiffaċilita l-approvazzjoni aktar rapida ta' mediċini li jistgħu jittrattaw jew jipprevjenu marda li tikkawża kriżi tas-saħħa pubblika. Wara perjodu ta' tranżizzjoni inizjali, l-EMA se tikkordina wkoll ir-reazzjonijiet tal-Istati Membri dwar in-nuqqasijiet ta' apparati mediċi kritiċi f'każ ta' kriżi.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni	33 594 041
<i>li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus</i> <i>(dħul assenjat 6 6 2)</i>	20 939
L-ammont imdaħħal fil-baġit	33 573 102

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul):

EFTA-ŻEE

927 997 6 6 0 0

Bażi ġuridika:

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 tal-10 ta' Frar 1995 dwar il-miżati li għandhom jitħallsu lill-Aġenzija Ewropea għall-Evalwazzjoni tal-Prodotti Mediċinali (ĠU L 35, 15.2.1995, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 141/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1999 dwar il-prodotti mediċinali orfni (ĠU L 18, 22.1.2000, p. 1).

Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1) (li jissostitwixxi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2309/93).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2049/2005 tal-15 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, regoli għall-intrapriżi żgħar u medji dwar ħlasijiet lil u jirċievu assistenza amministrattiva mill-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini (ĠU L 329, 16.12.2005, p. 4).

Ir-Regolament (KE) Nru 1901/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar prodotti mediċinali għall-użu pedjatriku u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1768/92, id-Direttiva 2001/20/KE, id-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1394/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar prodotti mediċinali ta' terapija avanzata u li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 (ĠU L 324, 10.12.2007, p. 121).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1234/2008 tal-24 ta' Novembru 2008 li jikkonċerna l-eżami ta' varjazzjonijiet fit-termini tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u tal-prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L 334, 12.12.2008, p. 7).

Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 668/2009 tal- 24 ta' Lulju 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1394/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-evalwazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' *data* tal-kwalità u dik mhux klinika marbuta ma' prodotti mediċinali ta' terapija avanzata żviluppati minn intrapriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 194, 25.7.2009, p. 7).

Ir-Regolament (UE) Nru 536/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-provi kliniċi fuq prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, u li jħassar id-Direttiva 2001/20/KE (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 658/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar tariffi pagabbli lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għat-twettiq ta' attivitajiet ta' farmakoviġilanza fir-rigward ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 112).

Ir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi, li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE, ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 u r-Regolament (KE) Nru 1223/2009 u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 90/385/KEE u 93/42/KEE (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2017/746 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi dijanjostiċi in vitro u li jħassar id-Direttiva 98/79/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/227/UE (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 176).

Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43).

Ir-Regolament (UE) Nru 2022/123 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Jannar 2022 dwar rwol imsaħħaħ għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fit-tħejjija għall-kriżijiet u fil-maniġġar tagħhom għall-prodotti mediċinali u għall-apparati mediċi (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 1).

Atti ta' referenza

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentat mill-Kummissjoni fis-26 ta' April 2023, li jistabbilixxi proċeduri tal-Unjoni għall-awtorizzazzjoni u għas-supervizzjoni ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u li jistabbilixxi r-regoli li jirregolaw l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1394/2007 u r-Regolament (UE) Nru 536/2014 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 726/2004, ir-Regolament (KE) Nru 141/2000 u r-Regolament (KE) Nru 1901/2006, (COM(2023) 193 final).

Partita 07 01 01 01 — Nefqa ta' appoġġ għall-FSE+ — Ġestjoni kondiviża

Abbozz tal-baġit 2025	Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025	Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025	Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025	Konċiljazzjoni 2025
6 821 400	6 687 647	6 821 400	6 821 400	6 821 400

Partita 07 01 02 01 — Nefqa ta' appoġġ għal Erasmus+

Abbozz tal-baġit 2025	Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025	Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025	Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025	Konċiljazzjoni 2025
27 229 773	26 695 856	27 229 773	27 229 773	27 229 773

Partita 07 01 02 75 — L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni u l-Kultura — Kontribuzzjoni minn Erasmus+

Abbozz tal-baġit 2025	Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025	Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025	Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025	Konċiljazzjoni 2025
33 672 401	33 672 401	33 672 401	34 322 952	34 322 952

Partita 07 01 03 01 — Nefqa ta' Appoġġ għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà

Abbozz tal-baġit 2025	Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025	Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025	Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025	Konċiljazzjoni 2025
5 641 573	5 530 954	5 641 573	5 641 573	5 641 573

Partita 07 01 03 75 — L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni u l-Kultura — Kontribuzzjoni mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà

Abbozz tal-baġit 2025	Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025	Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025	Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025	Konċiljazzjoni 2025
1 531 747	1 531 747	1 531 747	1 561 340	1 561 340

Partita 07 01 04 01 — Nefqa ta' Appoġġ għal Ewropa Kreattiva

Abbozz tal-baġit 2025	Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025	Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025	Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025	Konċiljazzjoni 2025
6 287 469	6 164 185	6 287 469	6 287 469	6 287 469

Partita 07 01 04 75 — L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni u l-Kultura — Kontribuzzjoni minn Ewropa Kreattiva

Abbozz tal-baġit 2025	Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025	Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025	Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025	Konċiljazzjoni 2025
18 937 534	18 937 534	18 937 534	19 303 407	19 303 407

Partita 07 01 05 75 — L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni u l-Kultura — Kontribuzzjoni minn Ċittadini, Ugwaljanza, Drittijiet u Valuri

Abbozz tal-baġit 2025	Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025	Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025	Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025	Konċiljazzjoni 2025
8 647 880	8 647 880	8 647 880	8 814 957	8 814 957

Artikolu 07 02 04 — FSE+ — Il-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI)

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
107 373 853	74 000 000	91 748 617	68 791 588	115 373 853	78 000 000	107 373 853	74 000 000	107 373 853	74 000 000

Partita 07 03 01 01 — Il-promozzjoni tal-mobbiltà għat-tagħlim tal-individwi u gruppi, u l-kooperazzjoni, l-inklużjoni u l-ekwità, l-eċċellenza, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell ta' organizzazzjonijiet u politiki fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ — Ġestjoni indiretta

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
2 915 024 505	2 745 720 000	2 620 726 000	2 647 620 498	2 972 024 505	2 788 470 000	2 914 373 954	2 745 069 449	2 914 373 954	2 745 069 449

Kummenti:

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-programm Erasmus+ taħt ġestjoni indiretta. Għandha tappoġġa t-tliet azzjonijiet ewlenin li ġejjin.

Azzjoni ewlenija 1: Il-mobbiltà għat-tagħlim

Fil-qasam tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, il-programm Erasmus+ għandu jappoġġa l-azzjonijiet li ġejjin: (a) il-mobbiltà tal-istudenti u tal-persunal tal-edukazzjoni ogħla; (b) il-mobbiltà tal-istudenti u tal-persunal tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali; (c) il-mobbiltà tal-istudenti u tal-persunal tal-iskola; (d) il-mobbiltà tal-persunal tal-edukazzjoni għall-adulti.

Il-mobbiltà għat-tagħlim tista' tkun akkumpanjata minn tagħlim virtwali u miżuri bħal appoġġ lingwistiku, żjarat preparatorji, taħriġ u kooperazzjoni virtwali. Il-mobbiltà għat-tagħlim tista' tiġi sostitwita minn tagħlim virtwali għal dawk il-persuni li ma jkunux jistgħu jipparteċipaw fil-mobbiltà għat-tagħlim.

Azzjoni ewlenija 2: Il-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet

Fil-qasam tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, il-programm Erasmus+ għandu jappoġġa is-sħubijiet għal kooperazzjoni u skambji tal-prattiki, inkluż sħubiji fuq skala żgħira li jrawmu aċċess usa' u aktar inklużiv għall-programm.

Azzjoni ewlenija 3: L-appoġġ għall-iżvilupp politika u l-kooperazzjoni

Fil-qasam tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, il-programm Erasmus+ għandu jappoġġa l-azzjonijiet li ġejjin: (a) il-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-aġendi ta' politika ġenerali u settorjali tal-Unjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż bl-appoġġ tan-network Eurydice jew attivitajiet ta' organizzazzjonijiet rilevanti oħra; (b) l-għodod u l-miżuri tal-Unjoni li jrawmu l-kwalità, it-trasparenza u r-rikonnoxximent tal-kompetenzi, tal-ħiliet u tal-kwalifiki; (c) djalogu ta' politika u kooperazzjoni ma' partijiet konċernati rilevanti, inkluż networks madwar l-Unjoni, organizzazzjonijiet Ewropej u organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ; (d) miżuri li jikkontribwixxu għal implimentazzjoni ta' kwalità għolja u inklużiva tal-

programm Erasmus+; (e) kooperazzjoni ma' strumenti oħra tal-Unjoni u appoġġ għal politiki oħra tal-Unjoni; u (f) attivitajiet ta' disseminazzjoni u sensibilizzazzjoni dwar l-eżiti u l-prijoritajiet ta' politika Ewropea u dwar il-programm Erasmus+.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE

81 329 184 6 6 0 0

Il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent

132 522 717 6 1 2 1

Artikolu 07 03 02 — Il-promozzjoni tal-mobbiltà għat-tagħlim mhux formali u informali u l-parteċipazzjoni attiva fost iż-żgħażaġh, u l-kooperazzjoni, l-inklużjoni, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell ta' organizzazzjonijiet u politiki fil-qasam taż-żgħażaġh

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
408 898 370	380 000 000	408 898 370	380 000 000	413 898 370	383 750 000	408 898 370	380 000 000	408 898 370	380 000 000

Artikolu 07 03 03 — Il-promozzjoni tal-mobbiltà għat-tagħlim tal-persunal sportiv, u l-kooperazzjoni, l-inklużjoni, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell tal-organizzazzjonijiet sportivi u l-politiki tal-isport

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
75 676 325	74 000 000	75 676 325	74 000 000	83 676 325	80 000 000	75 676 325	74 000 000	75 676 325	74 000 000

Artikolu 07 04 01 — Il-Korp Ewropew ta' Solidarjeta

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
139 727 332	126 000 000	138 355 732	125 542 800	140 727 332	126 500 000	139 697 739	125 970 407	139 697 739	125 970 407

Artikolu 07 05 01 — Il-fergħa Kultura

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
108 015 379	109 881 754	108 015 379	109 881 754	111 015 379	111 381 754	107 894 641	109 761 016	107 894 641	109 761 016

Artikolu 07 05 02 — Il-fergħa Media

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
189 671 977	175 565 759	189 671 977	175 565 759	192 671 977	177 065 759	189 459 771	175 353 553	189 459 771	175 353 553

Artikolu 07 05 03 — Il-fergħa transsettorjali

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
29 294 944	31 681 992	29 294 944	31 681 992	31 294 944	32 681 992	29 262 015	31 649 063	29 262 015	31 649 063

Artikolu 07 06 01 — L-ugwaljanza u d-drittijiet

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
39 181 708	21 075 045	37 519 970	20 521 132	42 181 708	22 575 045	39 181 708	21 075 045	40 181 708	21 075 045

Artikolu 07 06 02 — L-involvement u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
89 700 652	59 587 175	57 671 418	48 910 764	90 700 652	60 087 175	89 700 652	59 587 175	89 700 652	59 587 175

Artikolu 07 06 03 — Daphne

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
27 313 815	24 225 012	27 313 815	24 225 012	29 313 815	25 225 012	27 313 815	24 225 012	27 313 815	24 225 012

Artikolu 07 06 04 — Valuri tal-Unjoni

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
68 615 566	72 776 886	68 615 566	72 776 886	71 615 566	74 276 886	68 448 489	72 609 809	68 448 489	72 609 809

Artikolu 07 10 01 — Il-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound)

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
24 522 000	24 522 000	24 522 000	24 522 000	24 522 000	24 522 000	24 902 111	24 902 111	24 902 111	24 902 111

Kummenti:

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound) tipprovdi u xxerred għarfien importanti dwar kwistjonijiet soċjali u relatati max-xogħol u biex tikkontribwixxi għal politiki sodi u bbażati fuq l-elementi konkreti f'dawk l-oqsma. L-attività ewlenija tagħha tirrigwarda r-riċerka fl-oqsma tal-impjiegi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, ir-relazzjonijiet industrijali u l-kwalità tal-ħajja. L-attivitàjiet tal-Eurofound jikkontribwixxu għall-prijoritajiet li ġejjin: aktar parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-ġlieda kontra l-qgħad bil-ħolqien ta' impjiegi, titjib tal-funzjonament tas-suq tax-xogħol u promozzjoni tal-integrazzjoni u tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri; it-titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u li x-xogħol isir sostenibbli tul il-ħajja kollha, l-iżvilupp ta' relazzjonijiet industrijali li jiżguraw soluzzjonijiet ekwi u produttivi f'kuntast ta' politiki li qed jinbidel u t-titjib tal-istandards tal-għajxien u l-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali fid-dawl tad-disparitajiet ekonomiċi u l-inugwaljanzi soċjali, pereżempju d-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi u d-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi.

Parti minn din l-appropriazzjoni hija maħsuba għal studji dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u r-relazzjonijiet industrijali sabiex jiġu appoġġati il-politiki li jiżguraw aktar impjiegi u impjiegi aħjar, li x-xogħol isir aktar sostenibbli u li jsaħħu d-djalogu soċjali fl-Ewropa.

Parti oħra ta' din l-appropriazzjoni hija maħsuba għal studji u riċerka progressiva dwar is-swieq tax-xogħol, speċifikament l-monitoraġġ u l-antiċipazzjoni tal-bidla strutturali, l-impatt tagħha fuq l-impjiegi u l-ġestjoni tal-konsegwenzi.

Din l-appropriazzjoni se tkopri wkoll ir-riċerka u l-ġbir ta' għarfien dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-kwalità tal-ħajja, b'enfasi partikolari fuq il-politiki soċjali u fuq ir-rwol tas-servizzi pubbliċi biex titjeb il-kwalità tal-ħajja. Ir-riċerka dwar ir-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja professjonali u dik privata u dwar l-impjiegi prekarji, inkluż it-tqassim skont il-ġeneru, huma ukoll ikunu koperti minn din l-appropriazzjoni.

Fl-aħħar nett, din l-appropriazzjoni se tintuża għall-analiżi tal-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq l-oqsma kollha li ġew deskritti hawn fuq u għal studji li jikkontribwixxu għal politiki mmirati lejn konverġenza 'l fuq fl-Unjoni.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni	24 902 111
<i>Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-artikolu 6 6 2 għad-dħul)</i>	
Ammont imdaħħal fil-baġit	24 902 111

Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 (ĠU L 30, 31.1.2019, p. 74).

Artikolu 07 10 02 — Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
16 635 269	16 635 269	16 635 269	16 635 269	16 635 269	16 635 269	16 825 840	16 825 840	16 825 840	16 825 840

Kummenti:

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) impenjata biex l-Ewropa ssir żona tax-xogħol aktar sikura, aktar f'saħħitha u aktar produttiva. L-EU-OSHA tidentifika u tivvaluta riskji ġodda u emerġenti fuq il-post tax-xogħol, u tintegra s-sigurtà u s-saħħa okkupazzjonali f'oqsma oħra ta' politika bħall-edukazzjoni, is-saħħa pubblika u r-riċerka. L-EU-OSHA tqajjem kuxjenza u tiddissemina informazzjoni dwar l-importanza tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema għall-gvernijiet, l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tal-impjegati, il-korpi u n-networks tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, u l-kumpaniji privati.

L-oġettiv tal-EU-OSHA huwa li tipprovdi lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u korpi, lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati b'informazzjoni teknika, xjentifika u ekonomika rilevanti u kompetenza ta' kwalità fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol. Se tingħata attenzjoni speċjali lill-aspetti tal-ġeneru fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri meħtieġa biex jitwettqu l-kompiti tal-EU-OSHA kif definiti fir-Regolament (UE) 2019/126, u partikolarment:

- il-miżuri għall-konsolidament tas-sensibilizzazzjoni u l-antiċipazzjoni tar-riskji, b'enfasi speċjali fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ,
- l-operat tal-Osservatorju Ewropew tar-Riskju bbażat fuq eżempji ta' prattika tajba miġbura mill-kumpaniji jew ferġat speċifiċi tal-attività,
- it-tnejn u l-forniment ta' għodod rilevanti għal intrapriżi iżgħar biex jamministraw is-saħħa u s-sikurezza fuq ix-xogħol,
- l-operat tan-network li jinkludi l-elementi ewlenin tal-komponent tan-networks tal-informazzjoni nazzjonali, inkluż l-organizzazzjonijiet nazzjonali tal-impjegaturi u tal-impjegati, f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali, kif ukoll il-punti fokali nazzjonali,
- l-organizzazzjoni ta' skambji ta' esperjenza, informazzjoni u prattiki tajba, inkluż f'kollaborazzjoni mal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra,
- jintegraw il-pajjiżi kandidati f'dawn in-networks ta' informazzjoni u l-ħolqien ta' għodod operatorji mfassla għas-sitwazzjoni speċifiċi tagħhom,

- jorganizzaw u jmexxu l-Kampanja Ewropea dwar Postijiet tax-Xogħol Ħielsa mill-Periklu kif ukoll il-Ġimgħa Ewropea dwar is-Saħħa u s-Sikurezza, li tiffoka fuq riskji u ħtiġijiet speċifiċi tal-utenti u l-benefiċjarji finali.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni	17 316 571
<i>Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-artikolu 6 6 2 għad-dħul)</i>	490 731
Ammont imdaħħal fil-baġit	16 825 840

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE

464 124 6 6 0 0

Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2019/126 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 (ĠU L 30, 31.1.2019, p. 58).

Artikolu 07 10 03 — Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop)

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
19 771 361	19 771 361	19 771 361	19 771 361	19 771 361	19 771 361	20 082 416	20 082 416	20 082 416	20 082 416

Kummenti:

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) jappoġġa l-promozzjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kif ukoll politiki dwar il-ħiliet u l-kwalifiki billi jaħdem flimkien mal-Kummissjoni, mal-Istati Membri u mas-sħab soċjali. Għal dak il-għan is-Cedefop jsaħħaħ u jiddissemina l-għarfien, jipprovdi evidenza u servizzi għat-tfassil tal-politika, inkluż konklużjonijiet ibbażati fuq ir-riċerka, u jiffaċilita l-kondiviżjoni tal-għarfien fost u bejn l-Unjoni u l-atturi nazzjonali.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni	20 486 606
<i>Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-artikolu 6 6 2 għad-dħul)</i>	404 190
Ammont imdaħħal fil-baġit	20 082 416

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE

551 621 6 6 0 0

Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2019/128 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 (ĠU L 30, 31.1.2019, p. 90).

Artikolu 07 10 04 — L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
25 465 883	25 465 883	25 465 883	25 465 883	26 465 883	26 465 883	25 865 963	25 865 963	25 865 963	25 865 963

Kummenti:

L-oġettiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) huwa li tipprovdi assistenza u għarfien espert fil-qasam tad-drittijiet fundamentali lill-istituzzjonijiet, lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, u lill-awtoritajiet tal-Istati Membri, meta jimplementaw id-dritt tal-Unjoni. Billi tipprovdi dawn l-assistenza u l-għarfien espert, l-FRA tappoġġjahom biex jirrispettaw

bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali meta jieħdu miżuri jew jifformulaw korsijiet ta' azzjoni fl-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni	26 056 755
<i>Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-artikolu 6 6 2 għad-dħul)</i>	190 792
Ammont imdaħħal fil-baġit	25 865 963

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor 636 000 6 6 2

Bażi ġuridika:

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, (ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/555 tal-5 ta' April 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 168/2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (ĠU L 108, 7.4.2022, p. 1).

Artikolu 07 10 05 — L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
10 182 664	10 182 664	10 182 664	10 182 664	10 432 664	10 432 664	10 306 931	10 306 931	10 306 931	10 306 931

Kummenti:

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) jikkontribwixxi u jsaħħaħ il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż l-integrazzjoni tal-ġeneri fil-politiki kollha tal-Unjoni u l-politiki nazzjonali riżultanti, u l-għieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru, u biex jiżdied is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bl-għoti ta' assistenza teknika lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, partikolarment il-Kummissjoni, u lill-awtoritajiet tal-Istati Membri.

L-EIGE iwettaq, *inter alia*, il-kompiti li ġejjin:

- jiġbor, janalizza u jiddissemina informazzjoni rilevanti oġġettiva, komparabbli u affidabbli dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż ir-riżultati tar-riċerka u l-aqwa prattiki,
- jiżviluppa metodi biex jitjiebu l-oġġettività, il-komparabbiltà u l-affidabbiltà tad-data fil-livell Ewropew billi jistabbilixxi kriterji li jtejbju l-konsistenza tal-informazzjoni u jqisu kwistjonijiet tal-ġeneri fil-ġbir tad-data,
- jiżviluppa, janalizza, jevalwa u jiddissemina għodod metodoloġiċi biex jappoġġa l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki kollha tal-Unjoni u fil-politiki nazzjonali riżultanti u jappoġġa l-integrazzjoni tal-ġeneri fl-istituzzjonijiet u fil-korpi kollha tal-Unjoni,
- jorganizza laqgħat ta' esperti biex jappoġġa l-ħidma tar-riċerka tal-Istitut, jinkoraġġixxi l-iskambju tal-informazzjoni bejn ir-riċerkaturi u jippromwovi l-inklużjoni ta' perspettiva tal-ġeneri fir-riċerka tagħhom,
- iżid is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, jiddissemina informazzjoni dwar l-aqwa prattiki u jagħmel ir-riżorsi tad-dokumentazzjoni disponibbli għall-pubbliku,
- jipprovdi informazzjoni lill-Istituzzjonijiet tal-Unjoni dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tal-ġeneri fil-pajjiżi tal-adeżjoni u kandidati.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni	10 485 107
<i>Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-artikolu 6 6 2 għad-dħul)</i>	178 176
Ammont imdaħħal fil-baġit	10 306 931

Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9).

Id-Direttiva (UE) 2024/1385 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (ĠU L, 2024/1385, 24.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1385/oj>).

Artikolu 07 10 06 — Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF)

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
23 542 345	23 542 345	23 542 345	23 542 345	23 542 345	23 542 345	23 937 635	23 937 635	23 937 635	23 937 635

Kummenti:

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF), fil-kuntest tal-politiki tar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni, tgħin lill-pajjiżi fi tranżizzjoni u li qed jiżviluppaw biex jisfruttaw il-potenzjal tal-kapital uman tagħhom permezz tar-riforma tas-sistemi tal-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ f'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni	24 020 310
<i>Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus</i>	82 675
Ammont imdaħħal fil-baġit	23 937 635

Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (KE) Nru 1339/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 82).

Artikolu 07 10 07 — L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
68 072 969	67 724 969	68 072 969	67 724 969	78 072 969	77 724 969	68 894 133	68 546 133	68 894 133	68 546 133

Kummenti:

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) għandha l-għan li tappoġġa u ssaħħaħ il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-investigazzjoni u tal-prosekuzzjoni fir-rigward tal-kriminalità serja li taffettwa żewġ Stati Membri jew aktar. Din tagħxi meta tintalab mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, bl-inizjattiva tagħha stess jew meta tintalab mill-UPPE fil-limiti tal-kompetenza tal-UPPE, u tappoġġa lill-Istati Membri billi tħaffef it-talbiet għal assistenza legali reċiproka, torganizza approċċi kkoordinati għal azzjonijiet operazzjonali, u ttipprovdi appoġġ operazzjonali u finanzjarju lil timijiet ta' investigazzjoni konġunta.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni	69 335 036
<i>Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-artikolu 6 6 2 għad-dħul)</i>	440 903
Ammont imdaħħal fil-baġit	68 894 133

Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138).

Ir-Regolament (UE) 2022/838 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 fir-rigward tal-preservazzjoni, l-analiżi u l-ħżin fil-Eurojust ta' evidenza relatata ma' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati (ĠU L 148, 31.5.2022, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2023/969 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi pjattaforma ta' kollaborazzjoni sabiex tappoġġa l-funzjonament tal-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (ĠU L 132, 17.5.2023, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2023/2131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI, fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni diġitali f'każijiet ta' terroriżmu (ĠU L, 2023/2131, 11.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2131/oj>).

Artikolu 07 10 08 — L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
77 368 186	77 368 186	77 368 186	77 368 186	108 368 186	108 368 186	81 979 259	81 979 259	83 979 259	83 979 259

Kummenti:

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) hu responsabbli għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u t-tressiq għall-ġustizzja fir-rigward ta' awturi u kompliċi ta' reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li huma previsti fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29) u determinati bir-Regolament (UE) 2017/1939. F'dak ir-rigward l-UPPE jwettaq investigazzjonijiet u atti ta' prosekuzzjoni, u jeżerċita l-funzjonijiet ta' prosekutur fil-qrati kompetenti tal-Istati Membri, sakemm il-każ jiġi finalment konkluż.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri r-reklutaġġ tal-UPPE u n-nefqa relatata mal-persunal, il-binjiet (inkluż is-sigurtà tal-binjiet), l-infrastruttura u n-nefqiet amministrattivi relatati mal-IT (Titoli 1 u 2). Din tinkludi n-nefqa operazzjonali relatata mal-kostijiet relatati mal-investigazzjonijiet tal-UPPE f'konformità mal-Artikolu 91(5) u (6) tar-Regolament (UE) 2017/1939, is-sistema tal-ġestjoni tal-każijiet tal-UPPE, il-pjattaforma tal-iskambju tal-IT bejn l-Uffiċċju Ċentrali tal-UPPE, il-Prosekuturi Delegati Ewropej u awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi oħra fl-Istati Membri, li hi element ewlieni għall-funzjonament tajjeb tal-UPPE, u l-proviżjonament ta' servizzi ta' protezzjoni mill-qrib lill-persunal superjuri tal-UPPE, il-ħlas tal-Prosekuturi Delegati Ewropej u l-kostijiet sostanzjali tat-traduzzjoni għall-ħtiġijiet operazzjonali tal-UPPE (Titolu 3).

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni	85 913 405
<i>Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-artikolu 6 6 2 għad-dħul)</i>	1 934 146
Ammont imdaħħal fil-baġit	83 979 259

Bażi ġuridika:

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

Artikolu 07 10 09 — L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA)

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
49 182 379	47 263 864	49 182 379	47 263 864	49 682 379	47 763 864	49 534 304	47 615 789	49 534 304	47 615 789

Kummenti:

L-oġġettiv tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) hu li tikkontribwixxi biex tkun żgurata mobbiltà ġusta tal-forza tax-xogħol madwar l-Unjoni u li tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali fl-Unjoni. Għal dan il-għan, l-ELA għandha tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi rigward il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol madwar l-Unjoni kif ukoll għas-servizzi rilevanti; tiffaċilita u ssaħħa il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-infurzar tad-dritt rilevanti tal-Unjoni madwar l-Unjoni, inkluż tiffaċilita spezzjonijiet konċertati u konġunti; timmedja u tiffaċilita soluzzjoni f'każijiet ta' tilwim transfruntier bejn l-Istati Membri; u tappoġġa l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-indirizzar tax-xogħol mhux dikjarat.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri meħtieġa biex jitwettqu l-kompiti tal-ELA, b'mod partikolari:

- tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni u tikkordina in-netwerk Ewropew tas-servizzi tal-impjiegi (EURES),
- tiffaċilita l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri bil-ħsieb tal-applikazzjoni u tal-infurzar konsistenti, effiċjenti u effettiv tad-dritt rilevanti tal-Unjoni,
- se tikkordina u tappoġġa l-ispezzjonijiet miftiehma u konġunti,
- twettaq analiżijiet u valutazzjonijiet tar-riskju dwar kwistjonijiet tal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol transfruntiera,
- tappoġġa lill-Istati Membri b'bini tal-kapaċità fir-rigward tal-applikazzjoni u tal-infurzar effettiv tad-dritt rilevanti tal-Unjoni,
- tappoġġa lill-Istati Membri biex jindirizzaw ix-xogħol mhux iddikjarat,
- timmedja f'tilwim bejn l-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tad-dritt rilevanti tal-Unjoni.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni	50 468 350
<i>Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-artikolu 6 6 2 għad-dħul)</i>	934 046
Ammont imdaħħal fil-baġit	49 534 304

Bażi ġuridika:

Ir-Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 883/2004, (UE) Nru 492/2011, u (UE) 2016/589 u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2016/34 (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 21).

Artikolu 07 20 01 — Proġetti pilota

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
p.m.	9 743 047	p.m.	9 743 047	3 500 000	11 493 047	p.m.	9 743 047	3 500 000	10 618 047

Partita 07 20 01 01 — Proġetti pilota taħt is-subintestatura 2b

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				2 000 000	10 743 047			2 000 000	10 243 047

Kummenti:

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota taħt is-subintestatura 2b *Reżiljenza u Valuri*.

Partita 07 20 01 02 — Proġetti pilota taħt is-subintestatura 2a

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				1 500 000	750 000			1 500 000	375 000

Kummenti:

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota taħt is-subintestatura 2a *Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali*.

Artikolu 07 20 02 — Azzjonijiet preparatorji

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
p.m.	12 058 234	p.m.	12 058 234	16 500 000	20 308 234	p.m.	12 058 234	16 500 000	16 183 234

Partita 07 20 03 01 — Moviment liberu tal-ħaddiema, koordinazzjoni ta' skemi tas-sigurtà soċjali u miżuri għall-migranti, inkluż il-migranti minn pajjiżi terzi

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
8 937 422	7 400 000	8 937 422	7 400 000	10 937 422	8 400 000	8 937 422	7 400 000	9 437 422	7 400 000

Partita 07 20 04 06 — Kompetenzi speċifiċi fil-qasam tal-politika soċjali, inkluż id-djalogu soċjali

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
23 627 616	20 300 000	23 627 616	20 300 000	24 627 616	20 800 000	23 627 616	20 300 000	23 627 616	20 300 000

Kummenti:

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-promozzjoni tad-djalogu soċjali Ewropew fl-Istati Membri u fil-pajjiżi kandidati, kif ukoll il-kost għal-laqgħat preliminari ta' konsultazzjoni mar-rappreżentanti tat-trade unions.

Rigward il-promozzjoni tad-djalogu soċjali Ewropew, hemm bżonn sħab soċjali b'saħħithom u rappreżentattivi biex jitjeb il-proċess ta' titjib tal-funzjonament tad-djalogu soċjali u titjib tal-kompetittività, ir-reżiljenza u l-ġustizzja fl-ekonomija tas-suq soċjali. Il-miżuri jenħtieġ li jgħinu lill-organizzazzjonijiet tal-impjegati u tal-impjegaturi jindirizzaw l-isfidi ġenerali li qed tiffaċċja l-politika Ewropea tal-impjegi u soċjali, kif stabbilit b'mod partikolari fil-Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Insaħħu d-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea: nisfruttaw il-potenzjal kollu tiegħu biex niksbu tranżizzjonijiet ġusti (COM (2023) 40 final) "u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2023 dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea (C/2023/1389) u d-Dikjarazzjoni Tripartitika għal Djalogu Soċjali Ewropew b'saħħtu, iffirmata fis-Summit tas-Sħab Soċjali ta' Val Duchesse u biex jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi.

Rigward l-azzjonijiet dwar il-laqgħat preliminari tal-konsultazzjoni bejn ir-rappreżentanti tat-trade unions Ewropej, l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet bil-ħsieb li tgħin lir-rappreżentanti tat-trade unions Ewropej jiffurmaw l-opinjoni tagħhom u jarmonizzaw il-pożizzjonijiet tagħhom fejn jidħol l-iżvilupp tal-politiki tal-Unjoni. Il-kostijiet huma maħsuba biex ikopru partikolarment studji, sessjonijiet ta' ħidma, konferenzi, analiżijiet, evalwazzjonijiet,

pubblikazzjonijiet, assistenza teknika, ix-xiri u l-manutenzjoni ta' databażijiet u software, u l-finanzjament parzjali u l-appoġġ għal miżuri marbuta mal-monitoraġġ ekonomiku, l-analiżi tal-kombinament ta' miżuri u l-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi.

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa marbuta mal-promozzjoni tad-djalogu soċjali Ewropew u miżuri relatati, fl-Istati Membri u fil-pajjiżi kandidati, partikolarment għall-attivitajiet li ġejjin:

- studji, konsultazzjonijiet, laqgħat ta' esperti, negozjati, publikazzjonijiet u azzjonijiet oħrajn marbuta direttament mal-kisba tal-oġettivi tal-intestatura baġitarja, u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvi kompiti tal-awtorità pubblika li jkunu ġew esternalizzati mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz *ad hoc*,
- azzjonijiet meħuda mis-sħab soċjali biex jippromwvu d-djalogu soċjali (inkluż il-bini tal-kapaċitajiet tas-sħab soċjali fl-Istati Membri u fil-pajjiżi kandidati) fil-livell transindustrijali, settorjali u tal-kumpaniji, inklużi azzjonijiet meħuda biex tippromwvu l-parteeipazzjoni ugwali tan-nisa u tal-irġiel fil-korpi tat-teħid tad-deċizzjonijiet tat-trade unions u anki tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi,
- azzjonijiet li jtejbu l-għarfien u l-għarfien espert dwar ir-relazzjonijiet industrijali madwar l-Unjoni u li jiskambjaw u jiddisseminaw informazzjoni rilevanti,
- azzjonijiet li jtejbu l-grad u l-kwalità tal-involviment tar-rappreżentanti tal-impjegati u tal-impjegaturi fit-tfassil ta' politiki u ta' liġijiet tal-Unjoni,
- azzjonijiet dwar il-laqgħat preliminari ta' konsultazzjoni bejn ir-rappreżentanti tat-trade unions Ewropej, b'mod partikolari biex ikopru l-kostijiet bil-għan li jiġu meġhuna jiffurmaw l-opinjoni tagħhom u jarmonizzaw il-pożizzjonijiet tagħhom fejn jidħol l-iżvilupp tal-politiki tal-Unjoni.

L-appropriazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-kostijiet relatati mal-promozzjoni tal-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteeipazzjoni ta' rappreżentanti ta' intrapriżi, fl-Istati Membri u fil-pajjiżi kandidati, b'mod partikolari għall-attivitajiet li ġejjin:

- miżuri maħsuba biex jiżviluppaw l-involviment tal-impjegati f'intrapriżi – jiġifieri kwalunkwe mekkaniżmu, inkluż l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteeipazzjoni, li permezz tagħhom ir-rappreżentanti tal-impjegati jistgħu jeżerċitaw influwenza fuq id-deċizzjonijiet li jridu jittieħdu fl-intrapriżi, partikolarment billi jqajmu kuxjenza u jikkontribwixxu għall-applikazzjoni tal-liġijiet u tal-politiki tal-Unjoni f'dan il-qasam u l-adozzjoni u l-iżvilupp tal-Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet,
- inizjattivi li jsaħħu l-kooperazzjoni transnazzjonali bejn ir-rappreżentanti tal-impjegati u tal-impjegaturi fir-rigward tal-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteeipazzjoni tal-impjegati f'intrapriżi li joperaw f'aktar minn Stat Membru wieħed u azzjonijiet ta' taħriġ qasir lin-negozjaturi u lir-rappreżentanti f'korpi transnazzjonali tal-informazzjoni, tal-konsultazzjoni u tal-parteeipazzjoni li jistgħu jinvolvu wkoll lil sħab soċjali minn pajjiżi kandidati,
- miżuri li jippermettu lis-sħab soċjali jeżerċitaw id-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom fir-rigward tal-involviment tal-impjegati, speċjalment fil-qafas tal-Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet, biex isiru midħla tal-ftehimiet tal-intrapriżi transnazzjonali u jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni dwar l-involviment tal-impjegati,
- proġetti u azzjonijiet innovattivi b'appoġġ għall-involviment tal-impjegati, bil-għan li jidentifikaw, jantiċipaw u jindirizzaw l-isfidi u l-konsegwenzi u l-bidliet soċjali u ekonomiċi tagħha fid-dinja tax-xogħol — eż. ir-ristrutturar, id-demissjonijiet, l-esternalizzazzjoni u s-subkuntrattar, id-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali, u l-forom

ġodda tax-xogħol, jew il-ħtieġa għal tranżizzjoni lejn ekonomija inklużiva, sostenibbli u baxxa fil-karbonju.

Bażi ġuridika:

Il-kompiti li jirriżultaw minn setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 154, 155, 159 u 161 tiegħu.

Partita 07 20 04 09 — Miżuri ta' tagħrif u taħriġ għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
22 928 771	22 000 000	22 928 771	22 000 000	24 928 771	23 000 000	22 928 771	22 000 000	23 428 771	22 500 000

Kummenti:

- l-amministraturi tal-(punti ta' interess) — dawk li jimmaniġġjaw il-profilu tal-punti ta' interess, jaġġornaw l-informazzjoni (eż., il-ħinijiet tal-ftuħ, it-tip ta' faċilitajiet, il-mapep tas-siti, ir-regoli interni), u jindirizzaw feedback negattiv biex itejbu l-klassifikazzjoni tagħhom;
- utenti oħra — bħal ħaddiema fl-imħażen, dispaċers, u partijiet ikkonċernati oħra tal-industrija li jistgħu jaċċessaw informazzjoni ġenerali u jikkummentaw dwar il-klassifikazzjonijiet.

L-app għandu jkollha interfaċċa faċli għall-utent, inkluż disinn sempliċi, ikoni kbar, u appoġġ multilingwistiku biex tipprovdi għal popolazzjoni varjata ta' sewwieqa. Is-sistema ta' klassifikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq kriterji ċari b'għajnuniet viżwali (eż. slajders, ikoni) biex jiġu ffaċilitati valutazzjonijiet rapidi u intuittivi. L-app għandha tintegra l-ġeolokalizzazzjoni abbażi tad-data tal-GPS biex tissuġġerixxi u tivverifika l-postijiet ta' punti ta' interess, filwaqt li tissimplifika l-proċess ta' klassifikazzjoni. L-app għandha tippermetti wkoll lis-sewwieqa jipprovdu feedback dettaljat billi jżidu kummenti bil-miktub u jtellgħu ritratti biex juru l-klassifikazzjonijiet tagħhom. L-app għandha tippermetti l-integrazzjoni futura mal-fornituri tat-telematika biex jiġu ottimizzati r-rotot u titjeb il-komunikazzjoni bejn is-sewwieqa u l-amministraturi tal-punti ta' interess. Il-profilu tal-punti ta' interess għandhom ikunu viżibbli għas-sewwieqa u għall-partijiet ikkonċernati tal-industrija, u għandhom juru l-klassifikazzjonijiet u l-kontenut iġġenerat mis-sewwieqa. Il-punti ta' interess bi klassifikazzjoni għolja għandhom jibbenefikaw minn viżibbiltà akbar u vantaġġi ekonomiċi potenzjali, li jgħolqu motivazzjoni qawwija għan-negozji biex itejbu l-prattiki tagħhom u jattiraw aktar sewwieqa.

Ġustifikazzjoni għal finanzjament

Il-proġett jeħtieġ madwar EUR 600 000 għall-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-promozzjoni li joffru redditu sinifikanti fuq l-investment billi jindirizzaw sfida kritika tal-industrija. Il-verżjoni bażika tal-app tista' tiġi żviluppata, ittestjata u implimentata fi żmien 12-il xahar.

Il-proġett jippreżenta soluzzjoni f'waqtha, kosteffettiva u li tħalli impatt. Billi jagħti s-setgħa lis-sewwieqa u jippromwovi t-trasparenza, dan il-proġett għandu l-potenzjal li jittrasforma s-settur tat-trasport bit-triq u jiżgura s-sostenibbiltà tiegħu.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Partita PP 02 25 04 — Proġett pilota — Tikketta ta' Fiduċja Ewropea għad-Droni

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				800 000	400 000			800 000	200 000

Kummenti:

L-objettiv ta' din l-azzjoni pilota huwa doppju:

1) id-definizzjoni ta' kriterji għal tikketta volontarja ta' "Fiduċja Ewropea għad-Droni", li tikkontribwixxi għall-użu sigur tad-droni u tippromwovi l-industrija tad-droni tal-UE.

2) il-valutazzjoni tal-għażliet biex tiġi stabbilita skema ta' tikkettar fl-UE.

Kemm il-kriterji kif ukoll l-iskema jeħtieġ li jsiru f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti tal-industrija u tal-awtorità. Il-kriterji għandhom jissodisfaw l-aspettattivi ta' ċibersigurtà tal-awtoritajiet, kif ukoll għandhom ikunu jistgħu jinkisbu mill-manifatturi tad-droni u d-droni għandhom ikunu bi prezz raġonevoli għax-xerrejja. L-iskema għandha tkun volontarja u ma għandhiex tintroduċi spejjeż bla bżonn għall-industrija jew għall-awtoritajiet pubbliċi.

Skont l-eżitu tal-proġett, tista' tiġi kkunsidrata azzjoni ta' segwitu biex tappoġġja l-istabbiliment ta' tali skema ta' tikkettar.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Partita PP 03 24 02 — Proġett pilota — Introduzzjoni ta' kumpaniji u ta' partijiet ikkonċernati fil-prattika Ewropea ta' rappurtar dwar is-sostenibbiltà

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
p.m.	940 000	p.m.	940 000	3 500 000	4 180 000	p.m.	940 000	3 500 000	1 815 000

Artikolu PP 03 25 — 2025

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				8 200 000	4 100 000			8 200 000	2 050 000

Kummenti:

Bażi ġuridika:

Atti ta' referenza:

Partita PP 03 25 01 — Proġett pilota — Infurzar tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali ChatBot għall-utenti

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				200 000	100 000			200 000	50 000

Kummenti:

Sabiex tiġi operazzjonalizzata s-setgħa tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali, interfaċċa unika, fil-forma ta' chatbot, se tagħti lill-utenti s-setgħa li jifhmu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom, kif ukoll l-aħjar metodoloġija biex jikkomunikaw mal-intermedjarji u, fejn meħtieġ, jirrapportaw lilhom, kif ukoll biex jiksibu informazzjoni mid-diversi bażijiet tad-data dwar it-trasparenza li ħoloq id-DSA. Isservi wkoll bħala għodda siewja għall-għbir tad-data, biex il-kampanji ta' diżinformazzjoni jkunu jistgħu jiġu identifikati u newtralizzati aktar malajr.

Bħal ħafna partijiet oħra tal-Acquis tal-UE, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali jipprovdi drittijiet komprensivi lill-utenti, bħall-individwi u n-negozji. Id-DSA jagħti dawn id-drittijiet fir-rigward tal-intermedjarji online b'mod ġenerali, b'obbligi addizzjonali għall-pjattaformi online kbar ħafna u għall-magni tat-tiftix (VLOPs u VLOSEs). Dawn id-drittijiet jinkludu d-dritt li jiġi rrapportat kontenut ta' parti terza, li jirċievu dikjarazzjoni tar-raġunijiet meta jiġu imposti restrizzjonijiet fuq il-kontenut tagħhom stess, kif ukoll dritt li jkunu protetti minn riskji sistemiċi kkawżati minn VLOPs u VLOSEs.

Il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, fejn is-soltu l-kontenut ma jkunx illegali, hija partikolarment diffiċli. Ir-riċevituri tas-servizz jeħtieġu appoġġ biex jifhmu x'għandu jiġi rrapportat u kif. Dawk li jfasslu l-politika u r-regolaturi jeħtieġu data malajr dwar ix-xejriet, bħat-trażżin tal-votanti matul il-perjodi elettorali jew il-fallimenti tal-moderazzjoni tal-kontenut f'lingwi partikolari.

Chatbot li jaħdem bl-IA jgħin:

1- lill-utenti jivvalutaw jekk il-kontenut li qed jirrapportaw huwiex ksur tar-regoli tal-intermedjarju jew tal-liġi tal-UE;

2- lill-utenti jiffornaw ilment dwar ksur tal-liġi jew tat-termini tas-servizz b'mod li l-aktar li jista' jinftehem mill-intermedjarju;

3- lill-utenti jeskalaw l-ilment tagħhom jekk it-tweġiba tal-intermedjarju ma tkunx sodisfaċenti.

Għall-NGOs fil-komunità kontra d-diżinformazzjoni u r-regolaturi, id-data tiġi ġġenerata dwar:

4- kemm saru lmenti;

5- ir-rapidità li biha ġew azzjonati;

6- xejriet li jistgħu jgħinu biex jiġu identifikati kampanji barranin u/jew koordinati;

7- tipi partikolari ta' kampanji, bħas-soppressjoni tal-votanti.

Bħala proġett pilota, dan iservi bħala bażi biex jitwessgħu l-għarfien u l-applikazzjoni tal-benefiċċji reali tal-leġislazzjoni tal-UE għan-nies fl-UE, fir-rigward ta' dan l-istrument wieħed. Fit-tieni stadju, il-mudell jista' jiġi estiż biex ikopri termini kuntrattwali inġusti, regoli ta' bejgħ mill-bogħod, id-dritt għat-tiswija u l-bqija.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Partita PP 03 25 02 — Proġett pilota — Immappjar tar-riżervi taħt l-art tal-idroġenu naturali fl-Ewropa u l-iżvilupp tal-leġislazzjoni meħtieġa għall-produzzjoni sostenibbli fil-qafas tal-Liġi tal-UE dwar il-Klima, l-istrateġija tal-UE dwar l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija u l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika u s-Sovranità tal-Enerġija Ewropea

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				3 000 000	1 500 000			3 000 000	750 000

Kummenti:

L-Idroġenu Naturali (jew ukoll l-idroġenu "ABJAD jew ĠEOLOĠIKU") huwa riżorsa siewja ta' enerġija nadifa li sseħħ b'mod naturali f'riżervi taħt l-art. Għall-kuntrarju ta' kwalunkwe kategorija

oħra tal-idroġenu li bħalissa tinsab fis-suq, l-idroġenu naturali jehtiegħ enerġija limitata ħafna biex jiġi prodott u jista' jiġi estratt b'mod sostenibbli mill-art.

Huwa jiġi prodott 24/7, ma jehtiegħ l-ebda ħżin u għandu kost tal-produzzjoni bejn EUR 0,5 - EUR 1 u għalhekk ikun l-aktar idroġenu kompetittiv fis-suq. Għandu l-aktar impronta baxxa meta mqabbel ma' kwalunkwe sors ta' idroġenu ieħor u ma jehtiegħ ilma ħelu. L-Idroġenu Naturali jista' jirrivoluzzjona t-tranżizzjoni lejn l-enerġija nadifa. Hemm aktar minn miljun tunnellata ta' volum rekuperabbli fi struttura waħda biss li tinsab f'Aragón, fit-Tramuntana ta' Spanja li tissodisfa l-10 % tal-użu kurrenti ta' Spanja għal aktar minn 20 sena.

F'termini ta' qafas regolatorju, Franza biss, mill-2022 u l-Polonja, minn Ottubru 2023 għandhom fis-seħħ leġislazzjoni għall-idroġenu naturali fl-Ewropa filwaqt li Spanja qed taħdem fuqha bħalissa. Il-Mali, l-Awstralja u l-Istati Uniti qed imexxu l-iżvilupp ta' proġetti tal-idroġenu naturali madwar id-dinja bi stadju importanti, jiġifieri USD 91 miljun investiti minn Bill Gates fil-kumpanija Koloma għat-tħaffir għall-idroġenu mingħajr karbonju li huwa kontinwament iġġenerat taħt l-art.

Il-biċċa l-kbira tal-aġenziji tal-enerġija madwar id-dinja issa rrikonoxxew l-importanza tal-idroġenu naturali u r-rwol potenzjali tiegħu fit-taħlita tal-enerġija futura. L-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (IEA) bħalissa qed taħdem fuq TID (kompitu li qed jiġi definit) b'rabta mal-idroġenu naturali biex taċċelera l-iżvilupp tiegħu. L-aħħar rapport tal-IEA relatat mal-produzzjoni tal-idroġenu ppubblikat fl-2023 (Global Hydrogen Review, Settembru 2023) kien jinkludi għall-ewwel darba l-idroġenu naturali. Jirrikonoxxi żewġ proġetti fl-Ewropa.

Fl-Istati Uniti, l-Advanced Research Projects Agency–Energy (l-Aġenzija għal Proġetti ta' Riċerka Avanzata–Enerġija) (ARPA-E) iffinanzjat żewġ Inizjattivi ffukati fuq il-Produzzjoni tal-Idroġenu b'Kostijiet Baxxi u b'Emissjonijiet Baxxi ta' Gassijiet Serra b'USD 20 miljun.

L-ekonomija tal-idroġenu naturali qed tiftaħ opportunitajiet kummerċjali sostenibbli ġodda għall-kumpaniji tradizzjonali taż-żejt u tal-gass bl-għan li jiddekarbonizzaw il-portafoll tal-proġetti tagħhom u jaqilbu għal proġetti ġodda sostenibbli. L-idroġenu naturali għandu jkun parti mit-taħlita tal-enerġija, filwaqt li jiġu rreplikati u estiżi l-mudelli kummerċjali u metodoloġija ta' suċċess fl-Unjoni Ewropea, jiġi aċċelerat l-iżvilupp tal-investimenti interreġjonali, u tissaħħaħ il-koeżjoni.

L-idroġenu naturali se jikkontribwixxi għall-innovazzjoni f'żoni rurali u remoti fejn hemm ir-riżervi tal-idroġenu naturali, filwaqt li jibni u jistabbilixxi ekosistemi industrijali u ekonomiċi ġodda fl-Unjoni Ewropea li bħalissa ma jeżistux kif ukoll isaħħaħ ir-ripopolazzjoni bi professjonisti b'ħiliet għoljin.

L-idroġenu naturali jista' jirrivoluzzjona t-tranżizzjoni lejn l-enerġija nadifa. Id-dinja kontinwament tiġġenera l-idroġenu u tista' tiffirma akkumulazzjonijiet sinifikanti taħt is-superfiċje bħala proċess naturali mingħajr ma jiġi kkonsmat l-ilma ħelu. Konsegwentement, l-idroġenu naturali għandu l-aktar impronta tal-karbonju baxxa, 50 darba anqas CO₂ mill-idroġenu griż, li bħalissa jipprovdi aktar minn 95 % tal-idroġenu naturali tad-dinja u jista' jikkomplementa l-produzzjoni industrijali b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju tal-idroġenu u jikkontribwixxi biex tiġi żgurata l-provvista tal-enerġija u tiġi evitata l-intermittenza tal-provvista.

Il-potenzjal tiegħu diġà huwa muri xjentifikament permezz ta' dimostrazzjonijiet kummerċjali limitati li jeżistu fil-Mali, u fl-Awstralja. L-appoġġ pubbliku Ewropew huwa mehtiegħ biex jiġi definit qafas regolatorju xieraq fl-Unjoni Ewropea, jiġu identifikati r-riżorsi u jiġu implimentati proġetti pilota f'pajjiżi Ewropej fejn jinsabu riżorsi sostanzjali. Hemm bżonn li jiġi ddeterminat kif l-idroġenu naturali eżistenti fl-Unjoni Ewropea jista' jikkontribwixxi għall-Istrateġija Ewropea għall-Idroġenu u t-taħlita tal-enerġija Ewropea.

Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' ekonomija tal-idroġenu naturali se jagħti s-setgħa lil ġenerazzjoni ġdida ta' professjonisti b'ħiliet għolja allinjati bis-sħiħ mal-Programm għall-Ħiliet Ekoloġiċi (il-Patt Klimatiku Ewropew) tal-Kummissjoni Ewropea, fejn l-azzjoni klimatika diġà qed tipprovdi l-

impjiegi u l-opportunitajiet tal-futur. Ekonomija naturali bbażata fuq l-idroġenu fl-Ewropa se tikkontribwixxi għall-ġenerazzjoni ta' impjiegi b'ħiliet għolja u t-trasformazzjoni tal-forza tax-xogħol tal-industrija taż-żejt u tal-gass għal ġenerazzjoni ġdida ta' forza tax-xogħol tal-Patt Ekoloġiku.

L-Ewropa hija meqjusa bħala kontinent promettenti għall-iskoperta tad-depożiti tal-idroġenu naturali. Riżervi tal-idroġenu naturali ġew identifikati pereżempju fi Spanja, fi Franza, fil-Polonja, fl-Ungerija, fil-Ġermanja, fl-Ukrajna jew fl-Albanija. Riċerka reċenti mmirata lejn diversi pajjiżi madwar id-dinja tissuġġerixxi l-preżenza ta' diversi pjaniżiet vijabbli u siti ta' produzzjoni kosteffettivi li jistgħu jiġu sfruttati disponibbli f'diversi pajjiżi Ewropej (ara hawn taħt "idroġenu naturali fl-Ewropa").

L-iżvilupp u l-użu tar-riżervi tal-idroġenu naturali jippreżentaw opportunità unika biex jiġu aċċelerati t-tranżizzjoni tal-enerġija u l-provvista tal-idroġenu filwaqt li tiġi appoġġata s-sovraniżat u s-sigurtà tal-Ewropa.

Billi tikkapitalizza fuq l-abbundanza stmata tal-idroġenu naturali fil-formazzjonijiet ġeoloġiċi tal-Ewropa, l-Unjoni Ewropea tista' ttejjeb is-sigurtà tal-enerġija tagħha, tnaqqas l-emissjonijiet, u twitti t-triq għal futur aktar nadif u aktar sostenibbli għaċ-ċittadini u għall-industrija Ewropej.

Għar-reġjuni b'postijiet tal-idroġenu naturali, l-aċċessibbiltà għal idroġenu kompetittiv ħafna se taċċelera l-attrazzjoni ta' investiment industrijali ġdid bi proġetti f'żoni ekoloġiċi. Għalhekk, l-identifikazzjoni/l-immappjar u l-produzzjoni xierqa tiegħu fuq skala kummerċjali jkun opportunità eċċellenti biex tiġi żviluppata ekosistema Ewropea innovattiva li tinvolvi diversi reġjuni fejn jinsab l-idroġenu naturali u fejn l-industrija tal-gass u r-riċerka huma rilevanti.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Partita PP 03 25 03 — Proġett pilota — Ħruġ ta' Permessi AI4 b'Emissjonijiet Żero Netti

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				5 000 000	2 500 000			5 000 000	1 250 000

Kummenti:

Dan il-proġett pilota se jagħti appoġġ finanzjarju lill-awtoritajiet pubbliċi, primarjament lill-awtoritajiet lokali, bl-introduzzjoni ta' sistemi bbażati fuq l-IA, jew eċċezzjonalment sistemi bbażati fuq teknoloġiji diġitali oħra, biex jimmaniġġjaw ir-rekwiżiti l-ġodda għall-ħruġ ta' permessi simplifikati fl-ambitu tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti. L-appoġġ se jikkonsisti kemm f'appoġġ finanzjarju dirett kif ukoll f'taġħlim reċiproku mill-awtoritajiet involuti biex jimmaniġġjaw ix-xogħol back-end meħtieġ għall-ħruġ ta' permessi. Se jkun hemm enfasi partikolari fuq il-Widien ta' Aċċelerazzjoni b'Emissjonijiet Żero Netti fir-reġjuni tal-faħam fi tranżizzjoni u l-aspetti ambjentali tal-permessi. Fejn possibbli, u biss bħala objettiv sekondarju subordinat għall-objettiv ewlieni li jingħata appoġġ finanzjarju lill-awtoritajiet pubbliċi, il-Kummissjoni tista' tesplora kif tista' tiffaċilita bl-aħjar mod lill-awtoritajiet lokali fl-introduzzjoni ta' għodod diġitali biex jiġi ssimplifikat il-ħruġ tal-permessi.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Artikolu PP 04 25 — 2025

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				4 000 000	2 000 000			4 000 000	1 000 000

Kummenti:

Bażi ġuridika:

Atti ta' referenza:

Partita PP 04 25 01 — Proġett pilota — Qafas ta' politika komprensiv għad-data ġeospazjali ewlenija fl-UE

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				2 000 000	1 000 000			2 000 000	500 000

Kummenti:

L-informazzjoni ġeospazjali u dik dwar il-post hija kruċjali għat-teħid ta' deċiżjonijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali infurmati. Hemm sett ta' data ġeospazjali ta' referenza ewlenija minn sorsi uffiċjali li huma settijiet ta' data primarji. Dawn ma jistgħux jiġu derivati minn settijiet ta' data oħra u huma importanti minħabba li jappoġġaw l-informazzjoni fit-temi u d-dominji kollha. L-Istrateġija Ewropea għad-Data u l-Ispazji Komuni Ewropej tad-Data qed jiffurmaw suq uniku interkonness għad-data, u l-ispazji tad-data settorjali kollha li qed jiġu żviluppati, (eżempju: is-saħħa, l-ambjent, l-agrikoltura, l-enerġija, it-trasport, is-sigurtà, is-servizzi ta' emerġenza, l-SDGs), jeħtieġ li jkunu sostnuti minn data ġeospazjali ewlenija.

L-Istati Membri, permezz tal-immappjar nazzjonali tagħhom, l-awtoritajiet katastali u tar-reġistru tal-artijiet, għandhom il-mandat li jiġbru u jżommu informazzjoni ġeospazjali nazzjonali ta' referenza affidabbli u preċiża. Dan huwa kruċjali għall-iżvilupp ta' għodod u servizzi li jappoġġaw il-politiki pubbliċi, l-ispazji komuni tad-data u t-tranżizzjoni diġitali fl-Ewropa. Il-koordinazzjoni tal-politiki rilevanti hija kruċjali biex titwassal data ġeospazjali ewlenija fil-livell Ewropew. Settijiet tad-data bla xkiel, armonizzati, kompatibbli u interoperabbli huma użu u użu mill-ġdid effettivi tal-informazzjoni tas-settur pubbliku għall-benefiċċju tal-Unjoni u taċ-ċittadini tagħha.

Għalkemm l-informazzjoni ġeospazjali u dwar il-post hija kruċjali għal firxa wiesgħa ta' politiki, inklużi d-Deċennju Diġitali u l-Patt Ekoloġiku tal-UE, il-ġestjoni tad-data ġeospazjali, speċjalment id-data ġeospazjali ta' referenza ewlenija, hija frammentata u mifruxa f'diversi direttivi, regoli u regolamenti. Dawn jinkludu INSPIRE, id-Direttiva dwar id-Data Miftuħa u l-PSI, il-pakkett tal-Patt Ekoloġiku, u l-inizjattiva l-ġdida GreenData4All. Kif ukoll f'diversi Direttorati Ġenerali u Aġenziji, bħad-DĠ Ambjent, id-DĠ Connect, l-EEA, u l-Eurostat.

Din il-frammentazzjoni u n-nuqqas ta' korp uniku fi ħdan il-Kummissjoni responsabbli għall-politika u d-data ġeospazjali, jikkawżaw sfidi u ostakli, u jipprevjenu lill-Unjoni u liċ-ċittadini tagħha milli jimmassimizzaw il-benefiċċji mid-data ġeospazjali miġbura minn sorsi uffiċjali.

Biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet, dan il-proġett jipproponi studju li janalizza u jirrakkomanda kif il-Kummissjoni tista' tiżgura politika effettiva u armonizzata għall-informazzjoni ġeospazjali ta' referenza ewlenija minn sorsi uffiċjali madwar l-Unjoni.

Id-direzzjonijiet ewlenin ta' dan l-istudju huma li:

- Issir riċerka dwar l-oqfsa ta' politika, id-direttivi, ir-regoli u r-regolamenti eżistenti (u ppjanati) li jħallu impatt/jinkludu data ġeospazjali ta' referenza ewlenija minn sorsi uffiċjali;
- Jitwettaq studju fost il-komunità stabbilita sew ta' produttori nazzjonali (tas-settur pubbliku) ta' data ġeospazjali ta' referenza ewlenija, biex ikun hemm fehim tal-lakuni fil-leġiżlazzjoni Ewropea eżistenti li bħalissa tonqos milli tindirizza b'mod effettiv id-data ġeospazjali ewlenija minn sorsi uffiċjali;
- Issir enfasi fuq l-isfidi u l-ostakli fil-politiki attwali li qed jimblukkaw ġestjoni effettiva u armonizzata tal-informazzjoni ġeospazjali minn sorsi uffiċjali madwar l-Unjoni;
- Jintwerew b'mod ċar il-benefiċċji ta' qafas ta' politika ġeospazjali armonizzata għall-informazzjoni ġeospazjali ta' referenza ewlenija, u kif dan jorbot mal-futur diġitali tal-Ewropa;
- Ikun hemm pjan direzzjonali lejn l-iżvilupp ta' governanza komprensiva għal data ġeospazjali ewlenija minn sorsi uffiċjali.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Partita PP 04 25 02 — Proġett pilota — L-integrazzjoni tad-Data Spazjali tal-UE bħala appoġġ għall-kontroll tas-sajd

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				2 000 000	1 000 000			2 000 000	500 000

Kummenti:

L-operazzjonijiet tal-kontroll tas-sajd jiġu implimentati mill-Istati Membri (SM) bl-appoġġ tad-DĠ-MARE u l-EFCA, l-Aġenzija tal-UE għall-Kontroll tas-Sajd. Id-DĠ-DEFIS flimkien mal-EUSPA (l-Aġenzija tal-UE għall-Programm Spazjali) qed tanalizza l-każijiet ta' użu fejn id-Data Spazjali tal-UE tista' tikkontribwixxi għall-attivitajiet ta' kontroll tas-sajd, fl-ambitu ta' memorandum ta' qbil mal-EFCA.

Ġew identifikati żewġ każijiet ewlenin ta' użu:

- L-użu tas-servizzi Galileo u Copernicus għall-monitoraġġ tal-bastimenti tas-sajd. Il-pożizzjonijiet irrappurtati mill-bastimenti se jiġu awtentikati b'data pprovduta mid-data ta' Galileo. L-immaġnijiet ta' Copernicus se jintużaw biex tiġi vverifikata d-data fiż-żona u l-ħin tal-kopertura.
- L-użu tas-servizzi Galileo u Copernicus għall-ippattuljar ta' Sistemi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAS jew droni).

- L-immaġnijiet meħuda mid-droni se jiġu ttimbrati bil-ħin u bil-pożizzjoni awtentikati bl-użu tad-data ta' Galileo. Is-servizzi ta' Copernicus u Galileo se jintużaw biex jappoġġaw il-każ tas-sikurezza għall-operazzjonijiet tad-droni.

Il-proġett għandu jiffoka fuq:

- Parteċipazzjoni fi gruppi ta' ħidma eżistenti li jindirizzaw soluzzjonijiet għall-bastimenti tas-sajd u għad-droni, inklużi pjattaformi differenti pubbliċi/privati u intervisti ma' partijiet ikkonċernati industrijali ewlenin, bħall-operaturi tad-droni, assoċjazzjonijiet tal-bastimenti tas-sajd, u awtoritajiet tal-avjazzjoni u marittimi rilevanti għat-tfittxija u s-salvataġġ;
- Il-konsolidazzjoni tar-rekwiżiti tal-utenti u d-definizzjoni tat-tagħmir għall-bastimenti tas-sajd u għad-droni tal-ippattuljar.
- Il-konsolidazzjoni tal-kunċett tal-operazzjonijiet u l-prestazzjoni tal-pożizzjonament u l-ħtiġijiet ta' awtentikazzjoni għall-kontroll tas-sajd.
- L-identifikazzjoni tal-isfidi ewlenin li jridu jingħelbu biex jiġi żgurat tħaddim sikur u pożizzjonament reżiljenti.
- L-identifikazzjoni u l-analiżi tal-ostakli tekniċi u regolatorji (eż. in-nuqqas ta' standards u regolamentazzjoni), il-katina tal-valur tal-industrija u l-mudelli ekonomiċi ġodda li jistgħu jemerġu.
- L-identifikazzjoni tal-azzjonijiet possibbli fil-livell tal-Istati Membri, reġjonali u lokali biex tingħata spinta lill-iżvilupp tan-negozji, u jiġu appoġġati l-SMEs biex jipprovdu soluzzjonijiet ibbażati fuq l-Ispazju tal-UE biex jipprovdu soluzzjonijiet għall-flotot tas-sajd tal-UE.
- L-iżvilupp ta' prototipi ta' tagħmir abbord li juża sinjali ta' Galileo biex jindirizza l-ħtiġijiet ewlenin mhux koperti s'issa minn tagħmir eżistenti, b'enfasi fuq l-użu tas-servizzi ta' awtentikazzjoni ta' Galileo.
- L-implimentazzjoni ta' diversi dimostrazzjonijiet għall-bastimenti tas-sajd u għad-droni tal-ippattuljar, li jinvolvu Stati Membri differenti. L-għan huwa li jintwerew il-fattibbiltà u l-valur miżjud għas-settur, filwaqt li jiġi vvalidat il-kunċett operazzjonali bil-parteċipazzjoni tal-utenti tal-avjazzjoni u dawk marittimi u tal-awtoritajiet kompetenti minn pajjiżi differenti. Id-droni u l-bastimenti fid-dimostrazzjoni għandhom jużaw is-servizz ta' awtentikazzjoni ta' Galileo u l-messaġġi speċifiċi kkodifikati.
- Kontribut għall-abbozzar ta' standards ġodda li jiddefinixxu 1) ir-rekwiżiti operazzjonali minimi għal informazzjoni dwar il-pożizzjoni GNSS u VMS fil-bastimenti tas-sajd u 2) it-testijiet neċessarji meħtieġa għall-verifika tal-konformità tal-prestazzjoni bħala appoġġ għal inizjattivi regolatorji futuri fl-Ewropa.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Artikolu PP 05 25 — 2025

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				4 000 000	2 000 000			4 000 000	1 000 000

Kummenti:

Bażi ġuridika:

Atti ta' referenza:

Partita PP 05 25 01 — Proġett pilota — Stabbiliment ta' punti ta' koordinazzjoni transfruntiera biex jiġu ffaċilitati soluzzjonijiet transfruntiera għall-ostakli amministrattivi u legali

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				4 000 000	2 000 000			4 000 000	1 000 000

Kummenti:

F'Diċembru 2023, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet proposta riveduta għal Regolament dwar l-Iffaċilitar ta' Soluzzjonijiet f'kuntatt transfruntier (COM(2023) 790 final; 2018/0198 (COD)). In-negozjati fuq din il-proposta għadhom għaddejjin. Il-proposta tistabbilixxi proċedura biex tiffaċilita r-risoluzzjoni ta' ostakli transfruntiera li jfixxlu l-istabbiliment jew il-funzjonament tal-infrastruttura meħtieġa għal attivitajiet privati jew pubbliċi, jew kwalunkwe servizz pubbliku transfruntier dment li dan jikkontribwixxi għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fit-territorju transfruntier.

Skont it-test tal-proposta għal Regolament, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu punt ta' koordinazzjoni transfruntiera wieħed jew aktar fil-livell nazzjonali jew reġjonali, jew b'mod konġunt ma' pajjiż ġar (jew pajjiżi ġirien). Dan il-proġett pilota jipproponi li jagħmel disponibbli ammont suffiċjenti ta' fondi mill-baġit tal-UE li jippermetti lill-Istati Membri li jixtiequ jistabbilixxu punti ta' koordinazzjoni transfruntiera fil-livell nazzjonali jew reġjonali, jew b'mod konġunt ma' Stat Membru ġar wieħed jew aktar. Skont l-eżitu jew l-istatus tan-negozjati dwar il-proposta għal Regolament, il-proġett pilota jista' jintuża wkoll mill-Istati Membri biex jiffinanzjaw il-ħolqien jew iż-żamma ta' strutturi oħra ta' koordinazzjoni li jiffaċilitaw soluzzjonijiet transfruntiera għal ostakli amministrattivi jew legali, f'sinerġija ma' inizjattivi eżistenti fil-livell tal-UE jew nazzjonali, bħal "soluzzjonijiet-b".

Meta r-riżorsi mill-baġit tal-UE jiġu diretti lejn l-Istati Membri li volontarjament jiddeċiedu li jistabbilixxu punti ta' koordinazzjoni transfruntiera jew strutturi oħra, jista' jintlaħaq objettiv maqsum f'erba' partijiet:

- Irrispettivament mill-eżitu tan-negozjati dwar il-proposta għal Regolament, il-proġett pilota jista' jappoġġja lill-Istati Membri fit-twaqqif ta' punti ta' koordinazzjoni transfruntiera jew strutturi oħra ta' koordinazzjoni, bil-għan li jissaħħaħ il-forniment ta' dan it-tip ġdid ta' servizz konġunt lill-inizjaturi. Min-naħa tiegħu, dan jiffaċilita l-fehim transfruntier u jtejjeb il-kooperazzjoni biex jiġu solvuti l-ostakli transfruntiera;
- Fil-każ ta' adozzjoni finali tal-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq, il-proġett pilota jiżgura l-influss ta' fondi lill-Istati Membri li volontarjament jiddeċiedu li jimplimentaw partijiet mill-proposta għal Regolament sakemm din tidħol fis-seħħ, jew sakemm jidħlu fis-seħħ xi wħud mid-dispożizzjonijiet tagħha;
- fid-dawl tal-iniċiż preċedenti, dan il-proġett pilota jista' jipprovdi stima affidabbli tal-ammont ta' finanzjament meħtieġ għall-implimentazzjoni korretta tal-proposta għal Regolament, u possibbilment jiggwida lill-Kummissjoni u lill-koleġislaturi dwar l-allokazzjoni ta' fondi suffiċjenti meta jiddeskrivu u jinnegozjaw il-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid.
- Fl-aħħar nett, u jekk il-proposta għal Regolament tiġi adottata u tidħol fis-seħħ, dan il-proġett pilota se jnaqqas il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet pubbliċi fil-livell reġjonali jew fil-livell tal-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-istabbiliment ta' punti ta' koordinazzjoni

transfruntiera, jew l-obbligu għall-Istati Membri li jaħżnu l-fajls transfruntiera kollha riċevuti f'reġistru pubbliku.

Il-kompiti tal-punti ta' koordinazzjoni transfruntiera stabbiliti fuq bażi volontarja mill-Istati Membri li jixtiequ jieħdu riżorsi minn dan il-proġett pilota se jaqgħu fi ħdan it-tifsira tal-paragrafi 1, 2 u 4 tal-Artikolu 5 tal-Proposta għal Regolament. Barra minn hekk, l-Istati Membri involuti jistgħu jaqblu li jagħtu s-setgħa lill-punt jew lill-punti ta' koordinazzjoni transfruntiera biex jużaw b'mod konġunt l-għodda ta' faċilitazzjoni transfruntiera, jigiifieri li jibdeu konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti fl-Istat(i) Membru/i involut(i) meta jiġi nnotifikat ostaklu transfruntier, jew li jesploraw l-użu ta' inizjattivi oħra tal-UE bħal "soluzzjonijiet-b".

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Artikolu PP 07 25 — 2025

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				3 500 000	1 750 000			3 500 000	875 000

Kummenti:

Bażi ġuridika:

Atti ta' referenza:

Partita PP 07 25 01 — Proġett pilota — Intejbu l-koeżjoni soċjali biex niġġieldu d-diskors pubbliku polarizzat?

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				800 000	400 000			800 000	200 000

Kummenti:

Eżitu mistenni:

Id-demokrazija fl-era tan-nuqqas ta' fiduċja u tal-polarizzazzjoni hija sostenibbli? Iż-żieda fid-diskors ta' mibegħda, fil-miżinformazzjoni u fil-bżieġ ta' filtri qed tiżra ż-żerriegħa tal-iskuntentizza u l-esklużjoni soċjali. Id-dinamika tidher li tassew hija valanga li impossibbli li titwaqqaf, bi gruppi żgħar iżda vokali marġinali li jinnettaw fehmiet estremi fid-diskors pubbliku. Għal din ir-raġuni, il-prevenzjoni u l-monitoraġġ aħjar tad-diskors politiku estrem online għandhom jiġi ttejjeg, filwaqt li tiġi ppreservata l-libertà tal-kelma. Dan jista' jsir billi jiġi mmappjat id-diskors tal-opinjoni pubblika attwali fuq il-media soċjali dwar kwistjonijiet politiċi importanti. Billi niċċekkjaw l-użu tal-lingwa tar-rappreżentanti eletti, nistgħu nimmappjaw ix-xenarju tad-diskors politiku u naraw x'inhuma l-aktar termini u kwistjonijiet li jippolarizzaw. Bl-użu ta' analiżi tas-sentimenti, nistgħu nitestjaw jekk il-lingwa użata mir-rappreżentanti eletti tipprovdix jew tattakkax rappreżentanti oħra u nimmonitorjaw il-firxa tal-kampanja ta' malafama fil-PE u f'parlamenti nazzjonali magħżula. Minn dan, diversi verżjonijiet lingwistiċi tal-UE jistgħu jiġu abbozzati u adattati, sabiex ikopru kampjun ta' Stati Membri tal-UE27, forsi dawk fejn tiġi reġistrata polarizzazzjoni akbar.

Ambitu:

1. Li jinħoloq mudell ta' tagħlim awtomatiku. APOLLO: Analiżi tal-Lingwa tal-Opinjoni Politika bit-Tagħlim Online.
2. Li l-mudell jitħarreġ f'lingwi differenti mill-Ingliš (sa 5)
3. L-ippjanar ta' web scrape bir-reqqa tal-media soċjali ewlenija (kummenti fuq YouTube, X, Instagram, Facebook, TikTok, eċċ.), u fejn ikun bżonn isir ħlas għall-iscraping.
4. Li jitwettagħ s'tħarriġ online biex jinġabru daww li wiegħbu u jiġu identifikati l-preferenzi politiċi tagħhom u jekk isseggwix xi politiċi/personalitajiet pubbliċi fuq il-media soċjali, u jiġu identifikati daww li jinvolvu ruħhom l-aktar fuq il-media soċjali. Potenzjalment, l-istħarriġ isir f'SubReddits rilevanti li jitrattaw il-politika Ewropea. Ir-Reddit jista' jagħti għarfien interessanti dwar il-komunitajiet periferiċi wkoll, billi jidentifika s-"superspreaders" ta' miżinformazzjoni.
5. F'konformità mar-regoli tal-GDPR, isir scraping tal-attività tar-rappreżentanti eletti (dejjem anonimizzata) fuq il-media soċjali, kif ukoll tal-kummenti u t-tweġibiet. Fir-rigward ta' suġġetti jaħarqu, isir scraping tal-kummenti u t-tweġibiet fil-media stabbilita (eż. The Irish Times, Politico, Il Corriere, Le Monde, eċċ.)
6. Bl-amalgamazzjoni taż-żewġ settijiet ta' data, jiġu identifikati korrelazzjonijiet bejn il-lingwa politika, il-politiċi segwiti u s-sentiment ta' esklużjoni soċjali, u jiġu kkontrollati l-varjabbli soċjoekonomiċi bħan-nuqqas ta' sigurtà ekonomika u tal-impjiegi.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Partita PP 07 25 02 — Proġett pilota — Xogħol preparatorju għal strutturi ta' konsulenza għall-appoġġ ta' ħaddiema migranti mobbli

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				1 200 000	600 000			1 200 000	300 000

Kummenti:

Ix-xogħol mobbli tal-migranti sar parti strutturali mis-swieq tax-xogħol nazzjonali fl-Istati Membri kollha tal-UE. Huwa mistenni li dan il-fenomeno se jkompli jikber. Fl-isfond ta' nuqqas ta' ħliet u ħaddiema u politiki ta' reklutaġġ immirati, hemm evidenza li se tiżdied ukoll il-mobbiltà ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaħdmu temporanjament fl-UE. Spiss attivi f'setturi essenzjali, il-ħaddiema migranti mobbli huma kruċjali għall-funzjonament xieraq tas-suq intern tal-UE. Fl-istess ħin, madankollu, il-ħaddiema li jiġu stazzjonati jew li jibdwu jaħdmu għal perjodu qasir ta' żmien, jirrappreżentaw grupp vulnerabbli ħafna ta' ħaddiema u s-sitwazzjoni tagħhom spiss tkun prekarja. Fid-dawl tal-komplessità tas-sitwazzjonijiet tax-xogħol tranżnazzjonali u minħabba nuqqas ta' ħliet lingwistiċi u għarfien tar-regoli applikabbli, mhuwiex faċli għal dawn il-ħaddiema li jgawdu u jiddefendu d-drittijiet tagħhom waħedhom. Il-kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji u l-isfruttament strutturali tal-ħaddiema jipprevjenu l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, jimminaw l-isforzi futuri ta' reklutaġġ u l-kompetizzjoni ġusta. L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol nediet varjetà ta' miżuri u kampanji biex tiġbed l-attenzjoni għal setturi u gruppi ta' impjiegi partikolarment affettwati, bħall-ħaddiema staġjonali, is-sewwieqa professjonali u l-grupp dejjem jikber ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi

stazzjonati. Madankollu, l-ELA ma tistax toffri appoġġ individwalizzat għal dawn il-gruppi fil-mira. Għalhekk, l-istrutturi ta' konsulenza u appoġġ tranżnazzjonali relatati mat-trade unions immirati lejn il-ħaddiema migranti mobbli jistgħu jagħtu kontribut importanti għall-promozzjoni ta' mobbiltà tal-ħaddiema u migrazzjoni ġusti kif minqux fl-acquis soċjali tal-Unjoni Ewropea u kkonfermat fid-Dikjarazzjoni interistituzzjonali La Hulpe tal-2024 dwar il-futur tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Is-servizzi ta' konsulenza tranżnazzjonali mhux biss jagħtu għajnuna individwali lill-ħaddiema, iżda jipprovdu wkoll għarfien importanti dwar is-sitwazzjoni tal-ħaddiema migranti mobbli fis-setturi ta' riskju, l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol Ewropew u forum ġodda ta' xejriet ta' impjiegi u mobbiltà. Barra minn hekk, l-informazzjoni individwali u l-konsulenza tal-ħaddiema huma komplementi importanti għall-attivitajiet ta' infurzar, bħall-ispezzjonijiet tax-xogħol.

Is-suġġett tal-PP huwa riċerka xjentifika dwar is-sitwazzjoni tal-ħaddiema migranti mobbli u l-impatt tal-istrutturi ta' konsulenza ta' assistenza fuq dawn il-gruppi fil-mira. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lis-setturi ta' riskju bħat-trasport internazzjonali bit-triq, ix-xogħol staġjonali fl-industrija tal-lukandi u tal-catering kif ukoll fl-agrikoltura, fis-settur tal-kostruzzjoni u fil-grupp dejjem jikber ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi stazzjonati. Element ewlieni tal-istudju għandu jkun il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' strutturi eżistenti ta' konsulenza fil-pajjiżi ta' oriġini u fil-pajjiżi ta' destinazzjoni. Sabiex tiġi żgurata r-rappreżentattività tal-monitoraġġ u sabiex l-evalwazzjoni titħalla tifformula rakkomandazzjonijiet operazzjonali, parti sinifikanti tal-PP se tkun li jitmexxa network ta' konsulenza tranżnazzjonali relatat mat-trade unions (mill-anqas seba' pajjiżi fl-ewwel sena, li gradwalment jiġu estiżi). In-network għandu jinkludi wkoll 1-3 pajjiżi kandidati jew pajjiżi terzi oħra fl-Ewropa bħall-Bożnija-Herzegovina, l-Albanija jew il-Kosovo. Il-gruppi ewlenin fil-mira tal-konsulenza huma l-ħaddiema migranti mobbli għal żmien qasir. Iċ-ċentri ta' konsulenza għandhom jiġu appoġġjati fl-iżvilupp, fil-ħidma ta' konsulenza u fin-networking tranżnazzjonali tagħhom permezz ta' koordinazzjoni. It-twaqqif ta' ċentri ġodda ta' konsulenza għandu jiġi appoġġjat minn miżuri mmirati biex jibnu l-kapaċità.

L-istudju xjentifiku għandu jinkludi riċerka speċifika għall-pajjiż u intervisti ma' esperti fil-livell nazzjonali u dak Ewropew dwar is-sitwazzjoni tax-xogħol mobbli tal-migranti fis-setturi ta' riskju u ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi stazzjonati. Bħala parti mir-riċerka, għandhom jiġu identifikati s-servizzi ta' konsulenza eżistenti għall-gruppi fil-mira u għandhom jiġu ddeterminati l-ħtiġijiet (speċifiċi għas-settur) għall-konsulenza u l-appoġġ. Se jsir skambju regolari mal-ELA u mar-rappreżentanti tas-setturi affettwati matul id-durata tal-PP.

L-eżitu tal-PP se jipprovdi analiżi tas-sitwazzjoni u l-isfidi esperjenzati minn ħaddiema migranti mobbli f'setturi ta' riskju u ċittadini ta' pajjiżi terzi stazzjonati fis-suq tax-xogħol Ewropew, li għandhom jiġu indirizzati konkretament b'mod parallel permezz tal-implimentazzjoni Prattika u l-espansjoni ta' network ta' konsulenza tranżnazzjonali. Barra minn hekk, se jiġu żviluppati evalwazzjoni tas-servizzi ta' konsulenza eżistenti għall-gruppi fil-mira u mmappjar tal-ħtiġijiet (speċifiċi għas-settur) għas-servizzi ta' konsulenza. Abbażi tas-sejbiet tal-istudju, se jiġu fformulati rakkomandazzjonijiet għat-tħejjija ta' inizjattiva ddedikata għall-finanzjament fit-tul u għall-istabbiliment ta' network Ewropew ta' konsulenza għall-ħaddiema migranti mobbli. Ir-riżultati tal-PP se jiġu ppreżentati u diskussi f'konferenza finali fil-livell Ewropew. Sabiex jibbenefikaw kontinwament mir-riżultati tal-PP, ir-riżultati interim se jiġu ppreżentati u diskussi f'konferenza ta' nofs il-proġett.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru

223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Partita PP 07 25 03 — Proġett pilota — Produttività, impjegi u pagi fl-era tal-intelliġenza artifiċjali (IA) — metodoloġiji u impatti

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				1 500 000	750 000			1 500 000	375 000

Kummenti:

Objettiv: Il-proġett ifittex li janalizza l-impatt potenzjali tal-IA fuq is-swieq tax-xogħol Ewropej u jqabbel l-implikazzjonijiet tal-esponiment għall-IA għal gruppi differenti tas-suq tax-xogħol. Ifittex ukoll li jiżviluppa kejl ġdid ta' esponiment okkupazzjonali għall-IA li jqis jekk l-okkupazzjonijiet x'aktarx li jiġu sostitwiti (awtomatizzati) jew ikkomplementati mill-IA. Dan il-kejl se jintuża biex jitqabblu l-implikazzjonijiet tal-IA għal reġjuni, setturi u Stati Membri differenti. Barra minn hekk, se tintuża wkoll biex jiġi studjat l-impatt potenzjali tal-IA fuq il-kwalità tal-impjegi, il-pagi u l-produttività.

Il-proġett se jikkontribwixxi għall-għarfien eżistenti billi jiżviluppa tassonomija ġdida għall-analiżi tal-impatti potenzjali tal-IA fuq is-swieq tax-xogħol u l-ekonomiji fl-intier tagħhom. Bħalissa, il-biċċa l-kbira tal-analiżijiet dwar l-impatt tal-IA jiffukaw fuq l-Istati Uniti jew fuq subsettijiet ta' pajjiżi magħżula, filwaqt li r-riċerka komparattiva fil-livell tal-UE bħalissa hija nieqsa. Għalhekk, il-proġett se jfittex li jimla dan il-vojt billi jiżviluppa indikaturi għat-tqabbil tal-impatti tal-IA madwar l-UE27. Se ssir enfasi speċjali fuq ir-riproduċibbiltà u t-trasferibbiltà tal-metodoloġija għal oqsma ta' interess potenzjali oħra bħall-ekoloġizzazzjoni tal-okkupazzjonijiet. Peress li l-IA hija teknoloġija li qed tikber malajr, il-proġett se jfittex ukoll li jiżgura li l-indikaturi jkunu jistgħu jiġu riprodotti u aġġornati faċilment meta tiġi rilaxxata data ġdida. Dan jipprovdi riżorsa siewja għal dawk li jfasslu l-politika kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak supranazzjonali.

Iż-żieda fl-Intelliġenza Artifiċjali hija wieħed mill-aktar żviluppi importanti ta' dawn l-aħħar deċennji u l-letteratura akkademika u dik politika attwali qed ibassaru li l-IA se tiskatta bidliet profondi fil-ħajja tax-xogħol. Għalhekk, sabiex isir tfassil effettiv tal-politika, huwa ta' importanza ewlenija li jkun hemm evidenza aġġornata dwar l-impatti tat-teknoloġiji tal-IA fuq is-suq tax-xogħol. L-analiżi se tikkontribwixxi wkoll għad-dibattiti ta' politika Ewropej u nazzjonali u dan jimmassimizza l-kisbiet potenzjali li jirriżultaw mir-rivoluzzjoni tal-IA filwaqt li jillimita wkoll l-impatti negattivi potenzjali għall-ħaddiema u għall-ekonomiji.

Kamp ta' applikazzjoni/Mistoqsijiet ta' riċerka:

Liema reġjuni, setturi u Stati Membri huma aktar probabbli li jkunu esposti għall-IA?

X'inhuma l-impatti tal-IA fuq l-opportunitajiet ta' impjieg ta' sottogruppi differenti tas-suq tax-xogħol? Liema okkupazzjonijiet se jiġu awtomatizzati, u liema se jiġu kkomplementati mill-IA?

X'inhuma l-impatti potenzjali tal-IA fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol?

X'inhuma l-effetti potenzjali tal-IA fuq il-pagi u l-inugwaljanza fil-pagi fl-UE?

L-esponiment għall-IA kif jaffettwa t-tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol?

X'inhuma l-impatti mistenni tal-IA fuq il-produttività tax-xogħol?

Liema politiki huma meħtieġa biex jiġu indirizzati l-impatti tal-IA f'termini ta' inugwaljanzi, hili u kwalità tal-impjegi?

Rilevanza politika ġenerali

B'mod aktar ġenerali, l-IA u speċjalment il-mudelli lingwistiċi kbar (LLMs) huma teknoloġiji li qed jevolvu malajr u se jkollhom impatt fuq meded kbar tas-swieq tax-xogħol Ewropej. Bħalissa, aktar

minn 70% tal-impjieggi fl-UE huma fis-settur tas-servizzi, li huwa s-settur l-aktar probabbli li jintlaqat mill-miġja tal-LLMs. Għalhekk, huwa ta' importanza ewlenija li nifhmu l-implikazzjonijiet kemm individwali kif ukoll strutturali ta' dawn it-teknoloġiji ġodda biex niżguraw ekonomija Ewropea ġusta u inklużiva.

Valur miżjud għal komunità ta' riċerka usa'

Il-proġett se jwassal għal metodoloġija u tassonomija komparabbli ġodda tal-esponiment għall-IA, li se jkunu disponibbli għall-komunità politika u dik akkademika usa'. Se jipprovdi wkoll evidenza ġdida dwar l-impatt potenzjali tal-IA li se tinforma d-dibattiti attwali u dawk futuri. Indikaturi kwantitattivi aggregati dwar l-esponiment għall-IA bbażati fuq sorsi ta' data nazzjonali u supranazzjonali se jkunu disponibbli għall-komunità tar-riċerka usa'. Id-data mill-analiżijiet kwalitattivi u sperimentali se tkun disponibbli wkoll permezz ta' studji tal-każijiet u rapporti metodoloġiċi.

Ir-riżultati tal-proġett mistennija jikkontribwixxu għall-eżiti mistennija li ġejjin:

- L-iżvilupp ta' tassonomija ġdida tal-esponiment tal-IA li tkun adattata għas-suq tax-xogħol tal-EU27 u tippermetti tqabbil bejn ir-reġjuni, is-setturi u l-Istati Membri;
- Il-provvista ta' analiżi aġġornata tal-impatt tal-IA fuq l-okkupazzjonijiet, inkluża analiżi ta' sottogruppi differenti tas-suq tax-xogħol;
- L-aġġornament tal-metodoloġiji eżistenti li janalizzaw l-impatti tal-IA u l-pubblikazzjoni ta' kodiċi tas-sors u analiżijiet riprodubbli;
- Il-provvista ta' analiżi tal-impatti mistennija tal-IA f'termini ta' inugwaljanza u produttività;

Impatt mistenni:

Il-proġett se jiġġenera għarfien ġdid ta' kwalità għolja li se jintuża biex jinforma d-dibattiti ta' politika li għaddejjin dwar l-impatt tal-IA fuq is-soċjetajiet Ewropej. Se jrawwem ukoll it-tixrid tal-għarfien permezz tal-iżvilupp ta' metodoloġiji ġodda, l-użu ta' tekniki ġodda għall-istudju tal-IA u l-pubblikazzjoni ta' kodiċi b'sors miftuħ.

Metodoloġija:

Il-proġett se jiddependi fuq approċċ ta' metodu mħallat li se jingrana l-informazzjoni mis-settijiet tad-data Ewropej (EU-LFS, EWCS, AMECO) kif ukoll minn sorsi nazzjonali. Dawn tal-aħħar jistgħu jagħtu lok għal analiżi aktar dettaljata (fil-livell tad-ditti) tal-impatti potenzjali tal-IA. Il-punt tat-tluq tal-analiżi empirika se jkun li tiġi żviluppata tassonomija ġdida għall-okkupazzjonijiet li jistgħu jiġu affettwati mill-IA (bl-użu tal-bażi ta' data O*NET) flimkien ma' approċċi ġodda li jiddistingwu bejn l-impjieggi f'riskju li jiġu awtomatizzati jew ikkomplementati mill-IA. Il-kejl tal-esponiment għall-IA se jikkombina l-approċċi attwali fil-letteratura li jużaw il-bażi ta' data O*NET biex ikejlu l-korrispondenza bejn l-IA u l-ħiliet umani ma' informazzjoni dwar il-kontenut soċjali tal-okkupazzjonijiet u l-ħiliet meħtieġa fihom. Dan se jikkontribwixxi għal fehim aktar dettaljat tal-impatt potenzjali tal-IA fuq is-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, l-analiżi se tiġi kkomplementata bi studji tal-każijiet li jiffukaw fuq l-impatt ta' teknoloġiji tal-IA magħżula fuq il-kwalità tal-impjieggi u l-produttività. Il-proġett se juża wkoll esperimenti online biex jiżola l-effetti potenzjali fuq il-produttività li jirriżultaw mill-użu ta' teknoloġiji differenti tal-IA.

Deskrizzjoni tal-iskeda ta' żmien:

Id-durata totali tal-proġett se tkun ta' 3 snin u se tinqasam fi 3 pakketti ta' ħidma. L-ewwel wieħed se jiffoka fuq l-iżvilupp tal-kejl tal-esponiment u fuq it-tqabbil bejn gruppi ta' interess differenti. Minħabba l-importanza ta' dan l-aspett tal-proġett, huwa mistenni li l-analiżi tiġi aġġornata fuq bażi regolari matul il-ħajja tal-proġett.

It-tieni pakkett ta' ħidma se jikkonsisti f'ħidma fuq il-post fil-livell tal-kumpaniji, li se tibda 6 xhur wara li jkun beda l-proġett. Minħabba d-diffikultà biex jiġu żgurati studji tal-każ fil-livell tal-kumpaniji u ssir il-ħidma fuq il-post, din il-parti tal-proġett mistennija ddum sena u nofs.

Fl-aħħar nett, it-tielet pakkett ta' ħidma se jiffoka fuq il-ġbir ta' evidenza dwar l-impatti tal-IA fuq il-produttività permezz ta' approċċi sperimentali. Dan il-pakkett ta' ħidma mistenni jibda fi tmiem l-ewwel sena u jkollu durata totali ta' sena.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Artikolu PP 08 25 — 2025

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				1 000 000	500 000			1 000 000	250 000

Kummenti:

Bażi ġuridika:

Atti ta' referenza:

Partita PP 08 25 01 — Proġett pilota — Osservatorju tal-UE għall-art agrikola, il-kontroll u l-aċċess għar-raba'

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				1 000 000	500 000			1 000 000	250 000

Kummenti:

L-għan tal-Osservatorju huwa li jappoġġja l-monitoraġġ ta' ftehimiet dwar l-art fuq skala kbira, jew il-"ħtif tal-art", fl-UE. Huwa għandu l-għan li:

-Jikkwantifika t-trasferiment ta' farms u raba' li jinħadem lil gruppi ekonomiċi kbar u fondi ta' investiment

-Jikkarakterizza d-distribuzzjoni tal-proprietà fl-Ewropa,

–Jistudja l-aċċess mill-bdiewa żgħażaġh għall-art li tinħadem, u jeżamina l-impatt tas-sjieda minn partijiet terzi fis-sistema tal-pussess tal-art ta' kull Stat Membru

-Jistudja miżuri ta' protezzjoni għas-sistemi agrikoli żgħar u medji u għas-sistemi ta' dritt għaż-żamma tal-art ta' kull Stat Membru.

–Jistudja l-użu ta' għodod bħal "Linji Gwida għaż-Żamma tal-Art" biex jgħinu fit-tfassil tal-politika.

Bażi ġuridika:

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018 p.1).

Partita PA 01 23 04 — Azzjoni preparatorja — Servizz ta' appoġġ għal proġetti ta' rinnovazzjoni mmexxija miċ-ċittadini

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
p.m.	2 250 000	p.m.	2 250 000	500 000	750 000	p.m.	2 250 000	500 000	2 375 000

Kummenti:

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Din l-azzjoni preparatorja hija l-kontinwazzjoni ta' proġett pilota PP 01 21 02 li kien ġie approvat għal sentejn konsekuttivi u għandha l-għan li tegħleb l-ostakli finanzjarji, ġuridiċi u tekniċi għall-proġetti ta' rinnovazzjoni mmexxija miċ-ċittadini. Din tinvolvi l-ħolqien ta' servizz ta' appoġġ speċifiku tal-Unjoni għall-atturi l-ġodda tal-Komunitajiet tal-Enerġija taċ-Ċittadini (CEC) u tal-Komunitajiet tal-Enerġija Rinnovabbli (REC) stabbilit fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li kapaċi jikkatalizzaw l-involvement taċ-ċittadini f'diversi aspetti tat-tranżizzjoni ekoloġika, inklużi proġetti ta' rinnovazzjoni. Il-ħolqien ta' tali servizz jista' jibni fuq l-esperjenza tal-kooperattivi li jirnexxilhom jgħaqqdu l-proġetti fuq skala ta' viċinat. Is-servizz ta' appoġġ għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rabtiet fi ħdan il-komunitajiet u jespandi u jirriproduċi programmi li kellhom suċċess. Din għandha tinkludi:

1. Pjattaforma għall-kondiviżjoni tal-esperjenzi u tal-mudelli, sabiex tinbena dinamika komunitarja b'saħħitha biex jiġu mobilizzati ċ-ċittadini tal-Unjoni madwar rinnovazzjoni integrata tal-bini u l-użu tal-enerġija rinnovabbli (permezz tal-komunitajiet tal-enerġija).
2. L-appoġġ għall-iżvilupp ta' pjanijiet ta' investiment, peress li l-identifikazzjoni tal-għażliet ta' finanzjament hija element kruċjali għall-ħolqien ta' riżervi ta' proġetti. (Tfittxija ta' punti komuni biex jitwessa' l-iżvilupp ta' proġetti mmexxija miċ-ċittadini. L-istudju tal-iżvilupp ta' mudelli li jappoġġaw ir-rinnovazzjoni flimkien mal-użu tal-enerġiji rinnovabbli.)
3. L-għoti ta' provi u indikaturi sabiex jiġu sensibilizzati l-komunitajiet tal-enerġija eżistenti dwar il-valur tar-rinnovazzjonijiet tal-enerġija.
4. L-għoti ta' assistenza teknika u kkoewċjar lil gruppi ta' ċittadini, organizzazzjonijiet komunitarji eżistenti kif ukoll awtoritajiet lokali biex jistabbilixxu CEC u REC li jitrattaw ir-rinnovazzjoni tal-bini, l-aċċess għas-sjieda tad-djar u l-faqar enerġetiku.
5. Il-monitoraġġ u l-appoġġ ta' traspożizzjoni rigoruża tad-dispożizzjonijiet tal-pakkett dwar l-Enerġija Nadifa li jikkonċernaw CECs u RECs, li għandhom iservu ta' opportunità għall-Istati Membri biex isaħħu r-rwol taċ-ċittadini fit-tranżizzjoni enerġetika.

L-għan tal-azzjoni preparatorja se jkun li jħarreġ il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u daww taċ-ċittadini permezz tal-proċess tal-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' tranżizzjoni territorjali.

L-2025 se tkun l-aħħar sena ta' dan il-proġett pilota u azzjoni preparatorja ta' suċċess. Sabiex jinġabru l-esperjenzi kollha mill-fażijiet tal-proġett preċedenti, l-azzjoni preparatorja tista' tiffoka fuq it-tehíd ta' tagħlimiet, il-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki u t-tixrid tal-esperjenzi lill-multiplikaturi sabiex tingħata spinta ulterjuri lir-rinnovazzjonijiet immexxija miċ-ċittadini bħala parti mill-Mewġa ta' Rinnovazzjoni tal-UE, mhux l-inqas fl-isfond tal-fażi ta' implimentazzjoni tar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija.

Partita PA 01 24 03 — Azzjoni preparatorja — Sħubijiet għall-Innovazzjoni Reġionali

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
p.m.	500 000	p.m.	500 000	1 000 000	1 250 000	p.m.	500 000	1 000 000	750 000

Partita PA 02 24 02 — Azzjoni preparatorja — Stabbiliment ta' skema ta' ċertifikati negozjabbli għall-SAF

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	2 800 000	3 650 000	p.m.	p.m.	2 800 000	700 000

Kummenti:

L-azzjoni preparatorja (PA 02 24 02) imfassla inizjalment, li għandha l-għan li tistabbilixxi sistema ta' ċertifikati negozjabbli għas-settur tal-avjazzjoni fl-UE, għandha tkompli. Meta wieħed iżomm f'moħħu diversi inizjattivi kummerċjali, għandu jeżamina sew jekk l-arkitettura tal-IT ta' ċertifikati negozjabbli għandhiex tkun ibbażata fuq soluzzjoni ġenerika, li tista' tiġi estiża biex tkopri setturi addizzjonali, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-interoperabbiltà, sabiex tiġi stabbilita għodda korporattiva sikura internament, fil-ħin u affidabbli għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u ta' atturi kummerċjali oħra u biex tiġi evitata l-frammentazzjoni possibbli tas-suq jew il-burokrazija żejda.

Barra minn hekk, l-azzjoni preparatorja li għaddejja bħalissa dwar is-sistema ta' ċertifikati negozjabbli għandha tkopri wkoll is-settur marittimu Ewropew sabiex jiżjed is-sehem u tiġi ffaċilitata d-distribuzzjoni kosteffettiva tal-fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-taħlita tal-fjuwil tat-trasport marittimu tal-UE billi jiġi sseparat ix-xiri ta' tali fjuwils mill-konsenja u l-użu fiżiċi tagħhom. Hemm differenzi importanti bejn is-setturi marittimi u tal-avjazzjoni, li għandhom jiġu riflessi sew fl-azzjoni preparatorja. Din għandha titwettaq fil-fażijiet li ġejjin:

Analiżi tal-qafas leġislattiv eżistenti, inklużi d-dispożizzjonijiet rilevanti skont l-RED, l-EU ETS, ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi u l-inizjattiva FuelEU maritime kif ukoll kwalunkwe leġislazzjoni rilevanti oħra fl-UE, fl-OMI u fil-pajjiżi terzi b'ċentri ewlenin ta' bunkering globali u dawk li jinsabu f'kurituri tat-tbaħħir ekoloġiku;

- Żvilupp ta' qafas sod għal mekkaniżmi ta' ċertifikati negozjabbli, inkluż għal:
 - Ċertifikazzjoni/kredenzjali tal-fjuwils sostenibbli — għat-trasferiment ta' ċertifikazzjoni/tal-karatteristiċi tas-sostenibbiltà mingħajr it-trasferiment/l-użu attwali ta' molekuli;
 - Kredenzjali ekoloġiċi għall-provvista tal-elettriku mix-xatt — għall-kummerċ tal-enerġija ekoloġika meta tintuża l-provvista tal-elettriku mix-xatt.
 - Id-disinn tal-arkitettura tal-IT tas-sistema ta' ċertifikati negozjabbli, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-bażi tad-data eżistenti tal-Unjoni, is-soluzzjoni mfassla għall-avjazzjoni (azzjoni preparatorja li għaddejja bħalissa) u possibbilment soluzzjonijiet settorjali oħra (inkluż il-forniment ta' elettriku ekoloġiku fil-portijiet permezz ta' ċertifikati negozjabbli mill-kumpaniji tal-enerġija fil-futur), kif ukoll l-interoperabbiltà tagħha ma' bażijiet tad-data u sistemi tal-IT rilevanti oħra.
 - l-iżvilupp ta' għodda korporattiva permezz tal-Bażi tad-Data tal-Unjoni biex isservi lill-Kummissjoni u lin-negozji biex juru l-kredenzjali tas-sostenibbiltà tal-fjuwils; riflessjonijiet strateġiċi dwar il-bażi tad-data ewlenija futura tal-fjuwils tat-trasport, l-interoperabbiltà tagħha mas-sistemi użati mill-aġenziji tal-UE u/jew sistemi possibbli simili f'pajjiżi terzi,

inkluż fil-kuntest ta' miżuri globali potenzjali kemm għat-trasport marittimu (IMO) kif ukoll għall-avjazzjoni (ICAO/ECAC).

Artikolu PA 02 25 — 2025

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				1 500 000	750 000			1 500 000	375 000

Partita PA 02 25 01 — Azzjoni preparatorja — Ħidma preparatorja għall-irkanti għall-importazzjonijiet tal-idroġenu rinnovabbli fl-ambitu tal-Bank Ewropew tal-Idroġenu

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				1 500 000	750 000			1 500 000	375 000

Kummenti:

Il-pjan REPowerEU ressaq ambizzjoni li jiġu prodotti 10 miljun tonnallata ta' idroġenu rinnovabbli fl-UE u li jiġu importati 10 miljun tonnallata ta' idroġenu rinnovabbli minn pajjiżi terzi. L-Unjoni Ewropea hija l-ewwel reġjun li stabbilixxa qafas regolatorju biex jappoġġa ekosistema kompleta għall-iżvilupp u l-użu tal-idroġenu rinnovabbli għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tagħna. Dan jinkludi regoli ċari li jirregolaw is-suq tal-idroġenu fl-UE, l-aċċess għall-infrastruttura, u li jippermettu li l-importazzjonijiet tal-idroġenu jgħoddu għall-miri tal-Istati Membri.

L-idroġenu rinnovabbli huwa aktar għali mill-idroġenu bbażat fuq il-fjuwils fossili. L-użu mmirat tar-riżorsi pubbliċi jista' jingrana l-investimenti tas-settur privat billi jneħħi r-riskji tal-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli.

Il-Bank Ewropew tal-Idroġenu se jkollu rwol importanti fl-iffaċilitar tal-ħolqien bikri tas-suq għall-idroġenu. Il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet irkanti domestiċi għall-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli fl-ambitu tal-Fond għall-Innovazzjoni biex tappoġġa l-iżvilupp tas-suq, u pproponiet li jiġi stabbilit irkant internazzjonali għall-importazzjonijiet ukoll. Kemm il-produzzjoni domestika kif ukoll l-importazzjonijiet huma importanti biex tintlaħaq id-domanda futura potenzjalment kbira minn setturi industrijali bħal dawk tal-azzar u tas-sustanzi kimiċi.

Għal dan se jkun meħtieġ finanzjament addizzjonali. Bħalissa, ma hemm l-ebda finanzjament iddedikat disponibbli għall-komponent internazzjonali tal-Bank Ewropew tal-Idroġenu biex jappoġġa l-importazzjonijiet tal-idroġenu rinnovabbli.

Min-naħa l-oħra, taħt il-komponent domestiku tal-Bank Ewropew tal-Idroġenu, tnieda rkant pilota għall-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli fl-UE fl-ambitu tal-Fond għall-Innovazzjoni b'baġit ta' EUR 800 miljun, bir-riżultati mistennija f'April/Mejju 2024. Il-Kummissjoni se tislet it-tagħlimiet meħuda minn dan l-irkant pilota bl-għan li tniedi t-tieni rkant għall-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli fl-UE qabel tmiem is-sena.

Il-Fond għall-Innovazzjoni tal-EU ETS jiffinanzja l-irkant domestiku, iżda jista' jintuża biss fl-UE u fiż-ŻEE, mhux biex jappoġġa l-produzzjoni f'pajjiżi terzi. Għalhekk, fil-Komunikazzjoni tal-Bank Ewropew tal-Idroġenu, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet approċċ ta' Tim Ewropa biex tiġbor flimkien ir-riżorsi tal-Istati Membri u tipprovdi t-tneħħija tar-riskji għal proġetti ta' pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tesplora għażliet biex tiżgura finanzjament iddedikat għall-komponent internazzjonali tal-Bank Ewropew tal-Idroġenu mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

Sabiex titfassal skema għall-importazzjonijiet tal-idroġenu rinnovabbli minn pajjiżi terzi lejn l-UE, hija meħtieġa ħidma analitika u preparatorja sostanzjali fit-terminu immedjat. Tali ħidma preparatorja tista' tinkludi, fost kompiti oħra, l-analiżi tax-xenarju tas-suq tal-idroġenu globalment,

l-identifikazzjoni tar-riskji speċifiċi assoċjati mal-importazzjoni tal-idroġenu u l-isfidi ta' finanzjament assoċjati, u l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' elementi differenti tad-disinn tal-irkant, filwaqt li tibni fuq l-esperjenza eżistenti disponibbli, bħall-irkanti internazzjonali organizzati mill-Fondazzjoni H2Global.

Din il-ħidma preparatorja se tkun ta' benefiċċju għall-Istati Membri kollha tal-UE li huma interessati fl-importazzjonijiet tal-idroġenu fl-UE, u se tkun siewja wkoll għall-Istati Membri li qed jiżviluppaw kurituri tal-idroġenu konnessi mal-fruntieri tal-UE. Minkejja n-nuqqas ta' baġit iddedikat, hemm momentum għal irkant internazzjonali tal-importazzjoni. Għadd ta' Stati Membri esprimew l-interess tagħhom li jipparteċipaw f'irkant bħal dan. Barra minn hekk, hemm interess qawwi mill-produtturi internazzjonali u mill-pajjiżi terzi li jipproduċu l-idroġenu rinnovabbli u jesportawh lejn l-UE.

Ikun meħtieġ baġit ta' EUR 1,5 miljun għal din l-azzjoni preparatorja, fejn l-implimentazzjoni tibda fl-2025.

Bażi ġuridika:

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE)) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Partita PA 03 24 03 — Azzjoni preparatorja — Titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tal-Ekosistema tat-Turiżmu - Ċentru tal-Għarfien dwar it-Turiżmu u Spazju tad-Data dwar it-Turiżmu

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
p.m.	500 000	p.m.	500 000	1 600 000	1 750 000	p.m.	500 000	1 600 000	900 000

Kummenti:

Ir-rapport dwar l-istabbiliment ta' strateġija tal-UE għal turiżmu sostenibbli adottat f'Marzu 2021 mill-Parlament Ewropew talab l-implimentazzjoni ta' spazju tad-data tal-UE dwar it-turiżmu, imsemmi wkoll fil-Perkorsi ta' Tranżizzjoni tat-Turiżmu u ppreżentati mill-Kummissjoni.

Sal-2025, 90 fil-mija tal-persuni li ma għandhomx edukazzjoni formali għandhom ikunu utenti regolari tal-internet. Illum il-ġurnata, 67,8 fil-mija tal-persuni b'livell baxx ta' edukazzjoni jew mingħajr edukazzjoni jużaw l-internet anqas minn darba fil-ġimgħa. Fl-istess ħin, l-Istati Membri u l-kumpaniji madwar l-Ewropa għandhom ikunu lestew it-taħriġ mill-ġdid ta' 20 fil-mija tal-forza tax-xogħol, li jħalli biss 32 fil-mija tal-ħaddiema li jeħtieġu taħriġ mill-ġdid. Bħalissa, madwar 52 fil-mija tal-ħaddiema jeħtieġu xi forma ta' taħriġ mill-ġdid. Il-ħaddiema f'firxa ta' setturi, speċjalment fit-turiżmu raw l-impjiegi tagħhom jinbidlu radikalment f'dawn l-aħħar ftit snin, u dan ġie aċċellerat matul il-pandemija.

Din il-proposta l-ġdida għandha l-għan li tkun kontinwazzjoni tal-azzjoni preparatorja attwali intitolata "Titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tal-Ekosistema tat-Turiżmu" (PA 03 24 03) imressqa matul l-aħħar eżerċizzju tal-baġit mit-Task Force dwar it-Turiżmu. Inkisbu diversi riżultati. Iċ-ċentru ta' kompetenza tal-UE għall-ġestjoni tad-data D3Hub jappoġġa d-destinazzjonijiet tat-turiżmu u l-ekosistema tagħhom (b'enfasi speċjali fuq l-SMEs) fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tagħhom xprunata mid-data sabiex jiżdiedu l-kollaborazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien bejn il-partijiet ikkonċernati tat-turiżmu. Għandhom jitqiesu l-għodod eżistenti (bħaċ-ċentru ta' kompetenza tal-UE għall-ġestjoni tad-data D3Hub u għall-appoġġ tad-DMOs, in-Network taċ-Ċentri Ewropej ta' Innovazzjoni Diġitali bil-grupp ta' ħidma tiegħu li għadu kif twaqqaf dwar it-

turiżmu għall-appoġġ tal-SMEs, u azzjonijiet taħt is-sejħa għall-istabbiliment tal-ispazju tad-data dwar it-turiżmu taħt il-Programm Ewropa Diġitali) biex jiġu żgurati sinerġiji u jiġu evitati duplikazzjonijiet. Dan il-proġett iqis ukoll is-Sħubija tal-Ħiliet għall-Ekosistema tat-Turiżmu.

Fid-dawl ta' dan, din l-azzjoni preparatorja għandha l-għan:

- għal titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tad-DMOs, l-SMEs u partijiet ikkonċernati oħra tat-turiżmu fil-ġestjoni u l-użu tagħhom tad-data;
- li d-DMOs, l-SMEs u partijiet ikkonċernati oħra tat-turiżmu konnessi biex jissaħħu n-networks u l-punti ta' kuntatt eżistenti, jiżguraw sinerġiji.

Il-Parlament Ewropew jara wkoll dan l-oġettiv bħala l-ewwel fażi għall-implimentazzjoni futura ta' Aġenzija Ewropea għat-Turiżmu.

Partita PA 04 24 01 — Azzjoni preparatorja — Innovazzjoni revoluzzjonarja għal soluzzjonijiet ta' llanċjar Ewropej

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
p.m.	2 500 000	p.m.	2 500 000	20 000 000	13 750 000	p.m.	2 500 000	20 000 000	7 500 000

Kummenti:

L-azzjoni għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp rapidu ta' innovazzjonijiet revoluzzjonarji li għandhom il-potenzjal li jirrivoluzzjonaw il-futur tal-aċċess għall-ispazju u jtejbu l-kompetittività tal-industrija spazjali Ewropea. L-aċċess għall-ispazju huwa element indispensabbli tal-ekosistema spazjali, li mingħajru ma jista' jkun hemm l-ebda politika spazjali tal-UE, liema aċċess jappoġġa ħafna prijoritajiet politiċi.

L-azzjoni preparatorja hija mistennija li tiffoka fuq l-oġettivi li ġejjin:

- tippermetti l-iżvilupp ta' innovazzjonijiet rivoluzzjonarji għal soluzzjonijiet ta' llanċjar Ewropej, filwaqt li tadotta metodu innovattiv ta' implimentazzjoni, billi tappoġġa ċ-ċikli differenti ta' żvilupp tat-teknoloġija u turi r-rieda li dawn it-teknoloġiji jintużaw b'mod konkret fuq lanċjaturi futuri;
- tiffaċilita l-inizjattiva tal-industrija biex tipproponi teknoloġiji fixkiela. L-industrija għandha tipproponi soluzzjonijiet innovattivi għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' aċċess għall-ispazju orħos, aktar sostenibbli, aġli u reżiljenti. Huma għandhom jagħmlu dan billi jiffukaw fuq innovazzjonijiet ambizzjużi li għadhom mhumieks disponibbli, u li jmorru lil hinn mill-ogħla livell ta' żvilupp tekniku previst fil-livell internazzjonali għall-aċċess għall-ispazju.

L-azzjoni preparatorja għandha tiġi implimentata permezz ta' approċċ progressiv għal sejħiet kompetittivi li jibdeu b'fażi ta' prova tal-kunċett mibdija fl-2024 u jitkomplew b'fażi ta' żvilupp fil-perjodu 2025–2027.

F'din l-ewwel fażi, il-Kummissjoni nediet kompetizzjoni biex tagħti premijiet lil massimu ta' ħames innovazzjonijiet l-aktar fixkiela u rivoluzzjonarji. Bħala segwitu, azzjoni preparatorja sussegwenti tista' tiġi kkunsidrata fl-2025, biex jintgħażlu l-aħjar tliet innovazzjonijiet identifikati fil-fażi preċedenti, u jiġu attribwiti għotjiet għall-iżvilupp teknoloġiku inizjali tagħhom. Dan se jwitti t-triq għal aċċess potenzjali ddedikat għall-komponent spazjali bħala parti mill-programm Spazjali futur fil-QFP li jmiss, fejn l-iżvilupp u l-kwalifiki finali jkun jistgħu jiġu appoġġati.

Bħalissa, ma hemm l-ebda programm tal-UE ddedikat eżistenti jew ippjanat għall-aċċess għall-ispazju. Xi attivitajiet dwar l-aċċess għall-ispazju li jappoġġaw ir-Riċerka & l-Innovazzjoni (R&I) huma implimentati permezz tal-Programm għar-R&I Orizzont Ewropa. Madankollu, dawn l-azzjonijiet ma jappoġġawx iċ-ċiklu sħiħ tal-iżvilupp tat-teknoloġija għall-aċċess għall-ispazju.

It-tqegħid f'kompetizzjoni ta' diversi teknoloġiji jkollu valur miżjud peress li jakkumpanja l-iżvilupp u l-maturazzjoni tat-teknoloġiji l-aktar fixkiela matul iċ-ċiklu kollu tal-iżvilupp sal-kunsinna tal-mudell tat-titjira. Dan mhuwiex possibbli permezz tal-Orizzont Ewropa / tal-Programmi Spazjali attwali. Dan fl-aħħar mill-aħħar iwitti t-triq għal aċċess dedikat futur possibbli għal programm spazjali jew komponent iddedikat fil-qafas tal-Programm Spazjali futur tal-UE, li jidentifika l-aċċess għall-ispazju bħala prijorità ewlenija tal-UE, li jibbenefika kemm lill-utenti istituzzjonali kif ukoll lil daww kummerċjali tal-UE.

Partita PA 04 24 02 — Azzjoni preparatorja — Terminali innovattivi tal-utenti ta' servizzi siguri Ewropej ta' komunikazzjoni bis-satellita

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
p.m.	500 000	p.m.	500 000	20 000 000	13 750 000	p.m.	500 000	20 000 000	5 500 000

Kummenti:

Din l-azzjoni hija maħsuba biex tippermetti l-adozzjoni f'waqtha tas-servizzi ta' konnettività sigura tal-ispazju pprovduti minn IRIS² u GOVSATCOM, biex b'hekk jimtela l-vojt fil-kapaċità industrijali tal-Unjoni biex jiġu żviluppati terminali tal-utenti għat-trażmissjoni bis-satellita bi prestazzjoni għolja, irħas u siguri.

Bħalissa l-UE qed timplimenta miżuri biex tipprovdi lill-gvernijiet u liċ-ċittadini b'konnettività sigura bis-satellita, permezz tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura (IRIS²) u l-komponent GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni. Dawn is-servizzi se jkunu bbażati fuq ġenerazzjoni ġdida ta' satelliti tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, bl-użu ta' orbiti, frekwenzi u karatteristiki tas-sinjali li għadhom ma ntużawx mill-atturi tal-industrija Ewropea. L-użu effettiv ta' dawn is-servizzi għalhekk jiddependi fuq id-disponibbiltà fil-pront tat-terminali u r-riċevituri tal-utenti li jkunu kompatibbli ma' tali karatteristiki. Tali terminali u riċevituri huma partikolarment importanti għas-servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita emerġenti li jikkombinaw kapaċitajiet terrestri u daww ta' komunikazzjoni bis-satellita bla xkiel, pereżempju fis-settur tal-karozzi.

L-oġettiv ta' din l-azzjoni preparatorja huwa għalhekk li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għal industrija kompetittiva biex tiżviluppa terminali li jistgħu jiġu kummerċjalizzati bi sforz addizzjonali minimu, u b'hekk il-produzzjoni u l-penetrazzjoni fis-suq ikunu jistgħu jseħħu bl-użu ta' standards miftuħa.

B'mod partikolari, l-azzjoni se tappoġġa lill-kumpaniji biex jilhqnu l-maturità u jkollhom pjan kummerċjali sod biex jipprovdu terminali tal-utenti għat-trażmissjoni bis-satellita bi prestazzjoni għolja, irħas u siguri. Tali terminali jkunu jistgħu:

- jintegraw sistemi u orbiti multipli, inklużi satelliti mhux ġeostazzjonarji f'orbiti dinji baxxi u possibbilment medji;
- jużaw il-frekwenzi IRIS² (inkluża Ka-gov);
- jkunu adattati kemm għas-servizzi kummerċjali kif ukoll daww governattivi pprovduti mill-IRIS²;
- jintegraw networks terrestri, standards 5G u possibbilment applikazzjonijiet tal-IoT;
- jipprovdu soluzzjonijiet kompluti;
- jadottaw il-karatteristiċi sikuri IRIS² kollha.

Jekk tirnexxi fl-ewwel sena, l-azzjoni preparatorja għandha tiġi implimentata permezz ta' approċċ inkrementali għal sejħiet kompetittivi fi tliet fażijiet:

- 2024: EUR 5M għall-fażi ta' prova tal-kunċett u l-iżvilupp ta' każ tan-negożju;

- 2025: EUR 20 miljun għall-fażi tal-iżvilupp teknoloġiku għall-prototip & tal-kwalifikazzjoni;
- 2026: EUR 20 miljun għall-industrijalizzazzjoni u l-prototipar kummerċjali.

Il-benefiċjarji tal-azzjoni jkunu b'mod partikolari l-industrija downstream tal-UE, inklużi atturi involuti fi Spazju Ġdid bħall-SMEs u n-negozji ġodda.

Partita PA 04 25 01 — Azzjoni preparatorja — Reżiljenza ċibernetika msaħħa tal-attivitajiet spazjali

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				1 000 000	500 000			1 000 000	250 000

Kummenti:

Is-sistemi u s-servizzi spazjali fl-UE jipprovdu servizzi essenzjali għall-funzjonijiet tas-soċjetà u għall-attivitajiet ekonomiċi. Fil-kuntest ġeopolitiku attwali, ir-reżiljenza tas-sistemi u tal-infrastrutturi spazjali qed issir kritika, kif identifikat mill-Istrateġija Spazjali tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża. Id-dominju spazjali jinkludi l-elementi kollha rilevanti għall-funzjonament tas-sistemi spazjali u t-twassil ta' servizzi bbażati fl-ispazju, inklużi l-ambjent spazjali fiżiku, orbiti u inġenji spazjali differenti, l-infrastruttura tal-art u tal-illanċjar tagħhom, il-links tal-frekwenza tar-radju, it-terminali tal-utenti, l-informazzjoni relatata ma' dawn l-assi spazjali u mwassla minnhom, l-ambjent ċibernetiku relatat u s-settur spazjali industrijali sottostanti. Għalhekk, jeħtieġ li jkunu dejjem aktar reżiljenti u protetti.

L-SMEs u n-negozji ġodda fil-qasam tal-ispazju jipprovdu teknoloġiji, servizzi u kapaċitajiet ġodda, inkluż aktar u aktar b'appoġġ għal missjonijiet relatati mas-sigurtà. Sabiex tiġi żgurata l-affidabbiltà tagħhom, daww il-kumpaniji jeħtieġ li jistabbilixxu livell xieraq ta' protezzjoni u reżiljenza ċibernetika. Għal din ir-raġuni, ikun xieraq li titnieda hídma preparatorja biex jiġu indirizzati ħtiġijiet partikolari ta' sigurtà u jiġu proposti xi miżuri ta' appoġġ għall-SMEs u n-negozji ġodda billi tiġi kkompensata parti mill-kostijiet ta' konformità rilevanti tagħhom u b'hekk jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet Ewropej. Il-miżuri ta' reżiljenza għas-settur spazjali għandhom jinkludu koordinazzjoni u kooperazzjoni aħjar bejn l-atturi spazjali pubbliċi u privati, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni dwar it-theddid u l-inċidenti. Jista' jiġi previst ukoll l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' standards ta' sigurtà rilevanti u qafas għall-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-atturi kummerċjali u governattivi dwar il-miżuri ta' reżiljenza.

F'dan il-kuntest, l-azzjoni preparatorja tista' tikkonsisti fl-azzjonijiet li ġejjin:

- L-immappjar ta' soluzzjonijiet u servizzi innovattivi eżistenti (inklużi l-kostijiet u d-disponibbiltà) li jippermettu lill-SMEs u lin-negozji ġodda jżidu l-livell tagħhom ta' reżiljenza ċibernetika;
- L-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet u servizzi innovattivi potenzjali ġodda li jippermettu lill-SMEs u lin-negozji ġodda jżidu l-livell tagħhom ta' reżiljenza ċibernetika;
- L-identifikazzjoni ta' teknoloġiji u faċilitajiet li jeħtieġ li jiġu żviluppati fl-UE (eż.: faċilitajiet tal-ittestjar, tewmin diġitali, eċċ.); u pjanijiet direzzjonali relatati;
- L-identifikazzjoni ta' miżuri ta' appoġġ potenzjali fil-livell tal-UE u dak nazzjonali li jippermettu lill-SMEs u lin-negozji ġodda jikkompensaw parti mill-kostijiet relatati mat-titjib tal-livell ta' reżiljenza tagħhom.

Bażi ġuridika:

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-

baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE)) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Partita PA 07 25 01 — Azzjoni preparatorja — Il-bini ta' sfera tal-media soċjali affidabbli: il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni fuq il-media soċjali għaż-żgħażaġh Ewropej

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				6 000 000	3 000 000			6 000 000	1 500 000

Kummenti:

L-azzjoni preparatorja se toħloq sfera pubblika tal-media soċjali verament Ewropea speċifikament għall-ġenerazzjonijiet żgħażaġh Ewropej, billi turi s-sens ta' għaqda rifless f'kultura komuni, stil ta' ħajja simili, u valuri kondiviżi b'mod adatt għall-grupp fil-mira. Tali sens ta' identità Ewropea huwa mminat mill-intensità dejjem akbar tad-diżinformazzjoni li għandha l-għan li toħloq diviżjonijiet fost iż-żgħażaġh Ewropej. Din l-azzjoni preparatorja tiffoka fuq il-pjattaformi tal-media soċjali, ambjent fejn id-diżinformazzjoni hija partikolarment prevalenti, iżda li madankollu jirrappreżenta l-maġġoranza l-kbira tal-konsum tal-media ta' ġenerazzjonijiet iżgħar.

L-appoġġ għall-ispazji tal-media soċjali li jindirizzaw speċifikament — u, aktar importanti minn hekk, fil-fatt jilħqu — liż-żgħażaġh Ewropej b'narrattivi interessanti u kostruttivi relatati mal-proġett Ewropew biex jiġu miġġielda l-kampanji ta' diżinformazzjoni diviżivi għadu limitat, minkejja l-importanza tiegħu għall-futur tad-demokrazija u l-identifikazzjoni Ewropej. Matul l-aħħar elezzjonijiet Ewropej, pereżempju, it-tixrid mifrux tad-diżinformazzjoni sfida l-informazzjoni li ż-żgħażaġh irċewew fuq il-pjattaformi tal-media soċjali. Biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni, huwa meħtieġ approċċ iċċentrat fuq l-udjenza, konness ħafna u li jinvolvi lill-udjenza fil-mira li kemm jindirizza b'mod dirett narrattivi qarrieqa u li jiżgwidaw kif ukoll irawwem ir-reżiljenza tas-soċjetali ta' udjenzi żgħażaġh kontra sorsi ta' informazzjoni foloz fuq terminu medju sa twil permezz tal-litteriżmu medjatiku. Għodod effiċjenti biex titrawwem ir-reżiljenza għal dan huma metodi ta' prebunking, li jgħinu lill-udjenza fil-mira tirrikonoxxi narrattivi qarrieqa u tifhem il-preġudizzju. Kontenut imfassal apposta b'livell baxx ta' limitu jista' jappoġġja wkoll liż-żgħażaġh Ewropej biex jidentifikaw sorsi kredibbli u jevitaw informazzjoni qarrieqa jew frawdolenti. Komponent ieħor huwa l-eżami tal-opportunitajiet u r-riskji assoċjati mal-IA u l-feeds tal-algoritmi, inkluż l-impatt tagħhom fuq l-interazzjonijiet diġitali u s-saħħa mentali fuq l-udjenza fil-mira murija mix-xejriet attwali. Tentattivi biex jiġi mmanipulat id-dibattitu pubbliku permezz ta' narrattivi ta' diżinformazzjoni u manipulazzjoni tal-informazzjoni jistgħu jiġu indirizzati b'inizjattivi ta' litteriżmu medjatiku u tal-informazzjoni eż. ma' skejjel jew universitajiet.

Iż-żgħażaġh iqtattgħu sehem sproporzjonat tal-ħin tal-media tagħhom fuq il-media soċjali li l-feeds tagħhom huma ġġenerati minn algoritmi u mudelli tal-IA li jiffukaw kompletament fuq il-loġika kummerċjali. Dan għandu konsegwenzi għall-kontenut tal-ġrajjet kurrenti, u huwa dejjem aktar diffiċli li jilħaq numru ta' utenti uniċi. Biex joħloq impatt, kontenut bħal dan irid jadatta b'mod intelliġenti għal din il-forma ġdida ta' ekonomija ta' attenzjoni biex jikkontribwixxi, b'mod teknoloġikament b'saħħtu, għal networks u pjattaformi fejn iż-żgħażaġh Ewropej jinġabru u jinteraġixxu.

Barra minn hekk, l-użu tal-media soċjali jinbidel minn interazzjoni soċjali fi gruppi u komunitajiet kbar għal konsum purament tal-video. L-azzjoni preparatorja għandha l-għan li żżid il-formati tal-kontenut rilevanti, u n-narrattivi għal varjetà ta' pjattaformi tal-media soċjali li jipprovokaw interazzjoni soċjali fost iż-żgħażaġh Ewropej biex jitrawmu l-għaqda u l-iskambju transfruntier. Minbarra l-ġlieda kontra l-kontenut illegali u l-ħsara soċjetali online, huwa kruċjali li fl-istess ħin

dan jiġi miġġieled b'narrattivi kredibbli u affidabbli dwar l-UE u l-Ewropa, fejn l-Ewropej jixprunaw l-"istory-telling" attwali.

Dawn in-narrattivi jkunu disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE, jew f'kemm jista' jkun possibbli minnhom, biex tintlaħaq firxa komprensiva fl-Istati Membri kollha tal-UE. Lingwi addizzjonali mhux tal-UE mitkellma b'mod wiesa' fit-territorju tal-Istati Membri tal-UE huma meqjusa ta' vantaġġ.

Sabiex tattira liż-żgħażaġh Ewropej lejn ideat u valuri Ewropej, u sabiex verament tagħti s-setgħa liċ-ċittadini Ewropej permezz ta' pjattaformi diġitali, l-azzjoni preparatorja se tappoġġja spazji online kurati fuq il-media soċjali biex jinħolqu, jinġabru u jiġu adattati narrattivi li jittrattaw b'mod kreattiv suġġetti li huma ta' interess ippruvat għaż-żgħażaġh Ewropej, u li se jikkuntestwalizzawhom sabiex jagħmluhom konvinċenti u attraenti għall-grupp fil-mira. Skont diversi studji reċenti f'diversi pajjiżi, it-tħassib espress miż-żgħażaġh Ewropej jikkonverġi fuq għadd ta' temi komuni. Pereżempju, il-cluster madwar kwistjonijiet bħall-kriżi tal-għoli tal-ħajja, l-impjiegi, u s-sigurtà soċjali huwa influwenzat mill-esperjenza tal-inflazzjoni u t-treġġigħ lura fir-rati tal-imġax mit-tieni nofs tal-2021. Bl-istess mod, l-istennija intensa taż-żgħażaġh għall-paċi u l-benesseri mentali ċertament żdiedet mill-esperjenza tal-lockdowns twal minħabba l-COVID-19 u t-taqbida ċivili relatata, u fl-aħħar mill-aħħar mill-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna kif ukoll minn kunflitti internazzjonali reċenti oħra.

Ix-xewqa għall-istabbiltà u s-sigurtà komprensiva fl-oqsma kollha tal-ħajja hija forsi l-aktar motivazzjoni importanti fl-oqsma kollha: mis-saħħa fiżika u mentali għar-relazzjonijiet internazzjonali, u mill-kundizzjonijiet tal-għajxien għas-suq tax-xogħol. Fuq livell sekondarju jiġu kwistjonijiet bħall-kriżi klimatika, id-degradazzjoni ambjentali, kif ukoll l-inugwaljanza soċjali u ekonomika, l-esklużjoni, id-diskriminazzjoni, u sfera pubblika dejjem aktar diviżiva. Iż-żgħażaġh iħossuhom dejjem aktar imbeżża' minħabba l-polikriżi attwali.

Il-valur miżjud Ewropew jinholq billi jitqabblu l-esperjenzi reġjonali u l-fehmiet personali dwar kwistjonijiet ta' importanza pan-Ewropea. L-għan hu li jiġu indirizzati suġġetti rilevanti fil-livell tal-UE, u li fl-istess ħin jinholq forum għall-perspettivi lokali u komunitarji, li jippermetti lill-utenti żgħażaġh jidentifikaw ruħhom sew mal-kontenut. L-azzjoni preparatorja tiddeika attenzjoni partikolari biex jiġu indirizzati udjenzi li mhumix kożmopolitani, kif ukoll żgħażaġh Ewropej b'inqas opportunitajiet, bil-lingwa materna tagħhom.

Din l-inizjattiva pan-Ewropea u multilingwi ambizzjuża se tistimula dibattiti offline u online, miftuħa, veri, profondi u kostruttivi dwar il-ħajja attwali u futura fl-Ewropa fost iż-żgħażaġh Ewropej. Bl-użu ta' formati innovattivi fuq pjattaformi diġitali, bl-għan aħħari li tinholq sensibilizzazzjoni akbar dwar il-viżjonijiet, l-eventi u r-realtajiet Ewropej u impenn akbar tal-Ewropej lejn il-valuri u l-ideat Ewropej, l-azzjoni sussegwentement tikkontribwixxi għal soċjetà ċivili aktar attiva u reżiljenti.

Bażi ġuridika:

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE)) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Partita PA 07 25 02 — Azzjoni preparatorja — Portal Ewropew tal-Aħbarijiet bit-Televiżjoni u bil-Vidjo għaċ-Ċittadini li jintuża għall-istreaming, it-Tiftix u t-Traduzzjoni ta' aħbarijiet Ewropej għat-TV u l-vidjo u dokumentarji politiċi prodotti jew trażmessi minn media pubblika u privata akkreditata fl-Istati Membri

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				5 500 000	2 750 000			5 500 000	1 375 000

Kummenti:

Wara r-riżultati mistennija tal-ewwel ċiklu, il-fażi li jmiss għandha tkun iddedikata għall-iżvilupp u l-użu tal-ewwel dimostratur. Abbażi tal-oġettivi definiti tal-proġett pilota, dan għandu jinkludi għodod tal-Intelliġenza Artifiċjali bħala teknoloġija sottostanti li tmur lil hinn mis-sempliċi traduzzjoni u sottotitolar tal-kontenut. L-ewwel dimostratur għandu diġà jesploa l-possibbiltà li juża l-IA biex jorganizza l-kontenut, eż. billi jiġġenera trailers u thumbnails ta' kontenut disponibbli fejn possibbli. L-iżviluppi teknoloġiċi, fosthom l-IA ġenerattiva, għandhom jiffurmaw element ewlieni tal-magna tat-tiftix u tas-sistema ta' rakkomandazzjoni tal-Portal, fost l-oħrajn. Peress li dan jista' jsir b'haġfa modi, l-ewwel dimostratur għandu jesploa u japplika dawk il-perkorsi potenzjali. L-elementi ewlenin huma: funzjoni ta' tiftix mhux diskriminatorja, l-iżvilupp ta' algoritmi li jqiegħdu l-valur pubbliku fiċ-ċentru, u livell għoli ta' trasparenza fis-sistemi tat-traduzzjoni, li huwa meħtieġ biex tiġi żgurata l-fiduċja fil-kontenut. Mhuwiex biss il-ħeffa li biha qed iseħħu l-iżviluppi f'dan il-qasam iżda wkoll il-fatt li ma hemm l-ebda algoritmu li huwa nondiskriminatorju u konformi mal-valuri Ewropej li joħolqu l-bżonn li dawn jiġu żviluppati b'mod indipendenti.

Bażi ġuridika:

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE)) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Partita PA 07 25 03 — Azzjoni preparatorja — Ċentru tal-Patrimonju Ewropew b'appoġġ għal segwitu olistiku u kosteffikaċi tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				2 000 000	1 000 000			2 000 000	500 000

Kummenti:

Dan huwa l-ewwel proġett tat-tip tiegħu li għandu bħala għan pjattaforma strutturata u dejjiema ta' promozzjoni u għarfien li trawwem sinerġiji bejn il-partijiet ikkonċernati tal-wirt kulturali (fosthom il-bliet u r-reġjuni) u programmi minn dixxiplini u livelli differenti ta' governanza fl-UE u lil hinn minnha. Fit-tielet sena (l-ewwel sena bħala azzjoni preparatorja), il-proġett jikkapitalizza u jibni fuq ir-riżultati miksuba matul il-fażi tal-proġett pilota biex 1) jinkludi aktar partijiet ikkonċernati fl-attivitajiet taċ-Ċentru, permezz tat-tisħiħ u s-sostenn tal-eżiti tiegħu, 2) ikompli jsaħħaħ djalogu strutturat mal-istituzzjonijiet kollha tal-UE, speċjalment il-KE u l-PE l-ġodda u 3) jikkonsolida l-kopertura ġeografika wiesgħa tiegħu, b'enfasi speċjali fuq ir-reġjuni u l-bliet f'pajjiżi b'perspettiva ċara ta' integrazzjoni fl-UE (eż. l-Ukrajna u l-Moldova, il-Kawkasu u l-Balkani tal-Punent).

Bażi ġuridika:

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE)) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Partita PA 07 25 04 — Azzjoni preparatorja — L-Unjoni Ewropea — iċ-ċentru tal-libertà tal-media

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
				3 000 000	1 500 000			3 000 000	750 000

Kummenti:

Il-gwerra mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja fl-Ukrajna, akkumpanjata minn gwerra ta' informazzjoni għall-imħu u l-qlub, inkluż fl-Ukrajna, f'pajjiżi kandidati oħra, fl-UE, u fir-Russja u l-Belarusja, u flimkien mal-eliminazzjoni tal-media indipendenti fir-Russja u l-Belarusja, tippreżenta responsabbiltà għall-Unjoni Ewropea biex tassumi t-tmexxija għas-salvagwardja tal-pluralità u l-indipendenza tal-media fil-kuntest reġjonali usa'.

Bil-libertà tal-espressjoni bħala wieħed mill-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-UE issa saret ċentru ewlieni għal dawk fir-Russja u l-Belarusja li qed jiġġieldu għal-libertà tal-espressjoni u d-demokrazija. Din l-azzjoni preparatorja tibni fuq il-proġett pilota tal-istess isem u, billi tnaqqas id-distakk fil-programmi ta' finanzjament eżistenti tal-UE, għandha l-għan li ttipprovdi appoġġ kontinwu għall-media indipendenti fl-eżilju sakemm ikun hemm bżonn biex id-demokrazija tipprevali. L-azzjoni preparatorja twieġeb id-diversi sejħiet mill-Kunsill, mill-Kummissjoni u mill-Parlament Ewropew biex jappoġġaw lill-media indipendenti.

Minkejja l-isfidi esterni u interni fil-qasam tal-libertà tal-istampa, l-Unjoni Ewropea tibqa' l-aktar post sikur fid-dinja għall-media u l-ġurnalisti biex jagħmlu xogħolhom. Ġurnalisti indipendenti u kmamar tal-aħbarijiet editorjali sħaħ mir-Russja u l-Belarusja diġà ħarbu u rrilokaw f'pajjiżi tal-Unjoni Ewropea. Qed ikomplu l-ħidma tagħhom fil-ġlieda għad-demokrazija fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom, iżda minn żona sikura fl-UE, fejn mhumieks friskju ta' ripressjonijiet brutali, ritaljazzjoni u priġunerija imminenti talli jgħidu l-verità. Il-ħakma tal-poter fir-Russja u fil-Belarusja saret aktar b'saħħitha f'dawn l-aħħar sentejn ta' gwerra. Is-sitwazzjoni qed tiddeterjora, u l-ispazju tal-informazzjoni qed jiċkien. Bosta ġurnalisti, is-soċjetà ċivili, u l-mexxejja tal-oppożizzjoni ġew imsikkta, xi wħud għal dejjem. Fl-istess ħin, hemm bżonn ukoll ta' appoġġ għall-media Ukrena u l-persunal tagħha li ġew fl-Unjoni Ewropea flimkien mar-rifuġjati tal-gwerra mill-Ukrajna.

L-organizzazzjonijiet tal-media jiffaċċjaw nuqqas immedjat ta' riżorsi biex ikomplu bl-attivitajiet tagħhom, sfidi biex jistabbilixxu mudelli ta' negozju vijabbli fid-dawl ta' għeluq u restrizzjonijiet dejjem akbar fl-ispazju ta' informazzjoni u fiżiku tar-Russja u l-Belarusja, kif ukoll tnaqqis ġenerali fil-kapaċità tal-akkwist tan-nies bħala riżultat tal-gwerra. Għall-kuntrarju ta' soluzzjonijiet ta' emerġenza, fejn sħaħ tal-istess fehma għandhom rwol ewlieni fis-soluzzjoni ta' problemi finanzjarji u ta' riżorsi akuti ta' rilokazzjoni tal-media lejn l-UE fi kwistjoni tal-ewwel xhur, din l-azzjoni preparatorja għandha l-għan li toffri mekkaniżmu ta' appoġġ prevedibbli li jipprovdi appoġġ ewlieni, opportunitajiet għall-innovazzjoni u żvilupp fuq żmien itwal. Dan se jtejjeb u jespandi l-appoġġ li jipprovdi l-proġett pilota.

L-għan tal-azzjoni preparatorja huwa li tippromwovi l-preservazzjoni ta' ambjent tal-media pluralistiku tal-pajjiżi affettwati, anke waqt li l-ġurnalisti u l-media jkunu qed jaħdmu mill-eżilju. L-

għan usa' fuq żmien itwal huwa li l-Ewropa ssir post sikur billi l-popli tar-Russja u tal-Belarussja jiġu meġhuna fl-aspirazzjonijiet demokratiċi tagħhom, fejn il-media indipendenti jkollha rwol indispensabbli.

L-azzjoni preparatorja għandha l-għan li tibni fuq il-ħtiġijiet ta' appoġġ preċiżi u identifikati mill-proġett pilota u sussegwentement tipprowdi appoġġ xieraq lill-media indipendenti u lill-ġurnalisti mill-Ukrajna, mir-Russja u mill-Belarussja li rrilokaw u li qed jaħdmu mill-Istati Membri tal-UE billi:

- kontinwament tivvaluta u tevalwa mill-ġdid il-ħtiġijiet u l-isfidi tal-kmamar tal-aħbarijiet indipendenti u tal-ġurnalisti professjonali li rrilokaw l-operazzjonijiet tagħhom. Dan isir partikolarment kruċjali minħabba s-sitwazzjoni tas-sigurtà li qed tiddeterjora fil-pajjiżi ta' oriġini rispettivi tagħhom, li tintroduċi saff addizzjonali ta' kumplessità, inkluż il-bżonn li jżommu lilhom infushom, lis-sorsi u lill-udjenza tagħhom siguri;
- tistabbilixxi u testendi n-networks ta' appoġġ f'diversi Stati Membri tal-UE biex joffru assistenza mfassla apposta għall-kmamar tal-aħbarijiet u għall-ġurnalisti eżiljati, filwaqt li tagħtihom is-setgħa biex jagħmlu dan. B'mod ġenerali, l-appoġġ għandu l-għan li jikkultiva l-kundizzjonijiet għall-media eżiljata biex issostni l-ħidma tagħha. Dan jinkludi, iżda mhux limitat għalihom, l-għajjnuna biex jiġu skoperti u introdotti mudelli ta' negozju vijabbli, l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet ta' format tekniku u tal-kontenut innovattivi biex jintlaħqu l-udjenzi (fosthom dawk b'aċċess possibbilment limitat għall-internet u riżorsi oħra), kif ukoll it-tfixxija għas-sinerġiji u l-promozzjoni tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, il-promozzjoni tan-networking (b'mod partikolari fost il-media eżiljata), u dan kollu filwaqt li tiġi żgurata l-indipendenza tal-media u titrawwem il-pluralità.

Bażi ġuridika:

Azzjoni preparatorja fis-sens tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li temenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Partita PA 09 24 01 — Azzjoni Preparatorja — Ċentru tal-UE għall-Osservazzjoni tal-Bijodiversità

Abbozz tal-baġit 2025		Il-pożizzjoni tal-Kunsill 2025		Il-pożizzjoni tal-Parlament 2025		Abbozz tal-Baġit Rivedut 2025		Konċiljazzjoni 2025	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
p.m.	500 000	p.m.	500 000	2 000 000	1 500 000	p.m.	500 000	2 000 000	1 000 000